**3 ta' Lulju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Jason Calleja

## Inkjesta Maġisterjali - *Concausa*

*Is-sistema tagħna tal-Maġistrat ta' l-Għassa (li fil-fatt il-liġi qatt ma ssemmieh bħala tali), tal-Maġistrat Inkwirenti, ta' l-*in genere, *u tal-*proces verbal, *għalkemm ispirata minn sistemi f'ċertu sens eżistenti f'pajjiżi oħra, hija partikolari għal Gżiritna. Wieħed għalhekk irid joqgħod attent li japplika biss dawk ir-regoli li mil-liġi tagħna stess huma indikati bħala dawk li għandhom jiggvernaw il-materja.*

*Il-Maġistrat Inkwirenti fil-kors ta' l-inkjesti ma jaġixxix bħala Qorti Istruttorja, iżda bħala Maġistrat* ut sic. *Anzi, f'ċerti partijiet tal-Kodiċi Kriminali, bħal per eżempju, fl-artikolu 549 (4), hemm ċara d-distinzjoni bejn il-Maġistrat Inkwirenti u l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Huwa anqas ma għandu funzjoni ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*

*Il-Maġistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkariku li fil-każijiet previsti mill-istess titolu, jinvestiga r-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew iżomm l-aċċess li l-liġi tipprevedi u fl-aħħarnett jirrediġi* proces verbal *li l-liġi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-proċess ġenerali tar-riċerka tal-verita` u jikkonsisti prinċipalment fil-ġbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Maġistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bħala pertinenti għall-ġrajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bħala tali, u kuntrarjament għal dak li jiġri f'ċerti*

*sistemi kontinentali, il-Maġistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq anqas, mill-prosekuzzjoni, anzi jidher ċar li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' każijiet serji li l-liġi stess tispeċifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jinġabrux u ma jiġux ippreservati biss mill-pulizija, iżda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv ta' l-Istat u li jiggarantixxu li r-riċerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi ħlief dak suprem li kollox isir skond il-ħaqq u l-ġustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in re* **Regina** *vs* **George Terreni**, *iddeskriva bħala* a good way of preserving evidence.

*Ċertament mhix il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti li jiddeċidi li għar-reat invstigat minnu huwa ċertament jew probabbilment responsabbli xi ħadd partikoli, għax kif ingħad huwa ma jaġixxix* qua *Qorti, la ta' Istruttorja u lanqas ta' Ġudikatura. Iżda hija ċertament il-funzjoni tiegħu li jiddeċidi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bażi tal-provi - indipendentement mill-apprezzament tagħhom - hemmx biżżejjed biex jingħad li xi ħadd partikolari jista' possibbilment ikun passibbli għal proċeduri kriminali.*

*Il-prattika fost il-Maġistrati dejjem kienet - u l-loġika legali hekk tirrikjedi - illi meta u appena l-Maġistrat Inkwirenti jiġi informat mill-pulizija illi persuna kienet ser titressaq jew ġa' ġiet imressqa l-Qorti u akkużata bid-delitt li l-Maġistrati Inkwirenti kien qed jinvestiga, dan isir mhux għas-sempliċi formalita', iżda biex il-Maġistrat Inkwirenti proprju ma jkomplix bl-investigazzjoni tiegħu u jgħaddi biex jirrediġi l-*proces verbal. *Minn dak il-mument, il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti tiġi immedjatament ċirkoskritta u kull ma jkun jifdallu jagħmel huwa, mhux li jagħlaq l-inkjesta, iżda li* <u>*jissospendiha*</u> *u jipproċedi biex jirrediġi l-*proces verbal *li fih jindika dak li tirrikjedi l-liġi u xjen aktar. F'ċirkostanzi bħal dawn minħabba li persuna partikolari tkun għaddiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti b'akkuża speċifika, hu impellenti li l-Maġistrat Inkwirenti jifhem li l-funzjoni tiegħu ta' investigatur ma tistax titkompla u għalhekk huwa neċessarju li l-*proces verbal *tiegħu jkun limitat biss biex jindika xi provi lahaq*

*ġabar u ppreserva sa dak il-ħin mingħajr ma jipprova jistabbilixxi ħtijiet jew responsabbilitajiet partikolari. Infatti l-formula dejjem kienet li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Maġistrat wara li jindika xi provi lahaq ġabar jgħaddi għall-paragrafu konklussiv li dejjem kien jikkonsisti f'dikjarazzjoni li minħabba n-notizja u l-fatt tal-preżentata huwa ssospenda l-inkjesta jew l-aċċess, irrediġa l-*proces verbal *li miegħu jgħaqqad id-deposizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti miġbura. Imbagħad jiddisponi mill-*proces verbal *kif trid il-liġi.*

*Id-dottrina tal-*concausa *hija riżultat tal-bżonn li nħass mil-leġislaturi ta' diversi pajjiżi li f'każijiet ta' offiżi fuq il-persuna, safejn hu possibli, l-awtur li ma kellux l-intenzjoni li jikkawża mewt, m'għandux jiġi ritenut responsabbli għal effetti li l-att tiegħu ma kienx iħalli li kieku ma kienx għal kawża aċċidentali (*concausa*).*

*Il-*concausa *tista' tkun marbuta biss mad-delitt ta' offiża gravi segwita mill-mewt u mhux ma' l-akkuża ta' omiċidju.*

*Dak li hu rikjest hu biss li l-*concausa *tkun aċċidentali jiġifieri trid tkun totalment indipendenti mill-att ta' l-awtur tad-delitt u inoltre trid tinqala' wara li tkun ġiet ikkawżata l-offiża fuq il-persuna. Fid-dottrina hemm veduti differenti dwar l-effetti ta' negliġenza ta' infermieri u tobba fil-kura tal-ferut. Il-Maino u l-Manzini, per eżempju, isostnu li f'każi bħal dawn, il-*concausa *hija possibbli mentri awturi bħal Kenny, per eżempju, ma jaqblux billi jsostnu illi tali riskju huwa dejjem inerenti għall-offiża ikkawżata, fis-sens illi kieku ma kinitx kawżata l-offiża ma kienx ikun hemm konsegwenzi.*

*Taħt il-liġi tagħna fejn jirriżulta illi l-mewt ġrat bħala riżultat kemm tal-ferita kif ukoll tal-fatt sopraggunt, l-akkużat ikun intitolat għall-benefiċċju tal-*concausa. *Jiġifieri, dak li hu importanti taħt il-liġi tagħna mhux il-fatt jekk il-ferita inflitta kinitx iġġib il-mewt waħedha u jekk din il-mewt kinitx tikkawżaha mingħajr l-intervent tal-kirurġi, iżda jekk effettivament il-mewt ġietx kawżata mhux biss bħala riżultat tal-ferita inflitta, iżda ukoll minn event*

*sopraġġunt aċċidentali u indipendenti.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-28 ta' Ġunju, 1995 li taqra kif ġej:

"Il-Qorti:

Rat il-verdett li bih il-ġurati:

(a) b'sitt voti kontra tliet sabu lill-akkużat, persuna li għalqet l-eta' ta' erbgħatax-il sena iżda mhux it-tmintax-il sena, ħati ta' omiċidju volontarju;

(b) unanimament sabu lill-akkużat, persuna ta' l-eta' fuq imsemmija, ħati talli fil-ħin li għamel delitt kontra l-persuna (barra minn omiċidju involontarju jew offiża fuq il-persuna involontarja) kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan meta dak il-ħin ma kienx qed iġorr dik l-arma regolari għal xi għan leġittimu;

(ċ) unanimament sabu lill-akkużat, ta' l-eta' fuq imsemmija, ħati li kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat l-artikoli 211 u 212 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 13 u 26 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi;

Tiddikjara lill-akkużat ħati tar-reati fuq imsemmijin;

U wara li semghet lill-avukati dwar l-applikazzjoni tal-piena, u rat l-atti relattivi, tikkunsidra illi:

Mill-banda l-wahda l-hati kellu sittax-il sena fid-data tal-kommissjoni tar-reati u ghandu fedina penali netta;

Mill-banda l-ohra jirrizulta li l-hati mar flimkien ma' grupp ta' zghazagh ohra Maltin, jigri wara zewg Gharab, u jiggieled maghhom, bla ma kien jafhom, bla ma kien jaf ghaliex u minghajr l-icken provokazzjoni. Kien f'dawn ic-cirkostanzi li l-hati, fi glieda bl-idejn, hareg il-mus u bih qatel lil Salah Ahmed Shahati;

U wara li rat l-artikoli msemmijin, kif ukoll dwar il-piena l-artikoli 1 (b), 37 u 492 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lil Jason Calleja ghaxar snin prigunerija li minnhom ghandu jigi dedott iz-zmien li fih kien arrestat preventivament in konnessjoni mal-kaz prezenti;

Tordna l-konfiska tal-mus esebit;

Tirriserva li tipprovdi fuq it-talba ghall-kundanna tal-hati biex ihallas l-ispejjez tal-perizja fuq rikors appozitu li jindika dettaljatament dawk l-ispejjez";

Minn dik is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali interpona appell l-akkuzat misjub hati, permezz ta' rikors ta' appell ipprezentat fid-19 ta' Lulju, 1995 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza minnu appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skond il-ligi;

Skond l-appellant, in linea generali, kien hemm

irregolarità matul il-kawża, huwa ġie misjub ħati fuq il-fatti tal-kawża, u kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett tal-ġurati;

Din il-Qorti sejra tittratta d-diversi aggravji ta' l-appell mhux neċessarjament fl-istess ordni li ngħataw iżda kif hu meħtieġ għall-ordni ta' loġika legali;

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-użu li sar fil-kors tal-ġuri mill-*proces verbal* redatt u ffirmat mill-Maġistrat Inkwirenti;

L-appellant jispjega illi fil-kors tal-ġuri fl-istadju meta l-prosekuzzjoni indikat l-intenzjoni tagħha li kienet sejra taqra l-*proces verbal*, id-difiża talbet lill-Qorti sabiex dan il-punt jiġi diskuss fl-assenza tal-ġurati. It-talba ġiet akkolta u d-difiza rrilevat illi filwaqt li l-*proces verbal* jikkostitwixxi prova skond il-liġi u filwaqt illi għalhekk, ma kinitx qed toġġezzjona li dan għandu jinqara lill-ġurati, dan l-istess *proces verbal* kien redatt differenti ħafna mill-forma solita. Konsegwentement talbet illi stante li partijiet minnu kienu rrilevanti, il-Qorti kellha tawtorizza li dawk il-partijiet jiġu sfilzati;

L-appellant jissottometti illli fit-termini ta' l-artikolu 550 (5) tal-Kodiċi Kriminali, *proces verbal* sabiex jista' jingħad li jkun regolarment għandu jikkontjeni:

(a) ir-rapport fil-qosor;

(b) lista tax-xhieda mismugħa u provi miġbura; u

(ċ) paragrafu finali li ikun fih il-konklużjonijiet tal-Maġistrat Inkwirenti;

Skond l-appellant dak kollu in eċċess ta' dawn ir-rekwiżiti legali jkun irrilevanti u f'kull każ mhux regolari;

Kwantu jirrigwarda l-*proces verbal* fil-każ preżenti, huwa jissottometti illi dan jikkontjeni siltiet meħuda minn diversi xhieda li sema' l-Maġistrat Inkwirenti. Fit-termini ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali però, ir-regola li x-xhieda fil-proċess kriminali għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u *viva voce* għandu jipprevali. Inoltre meta wieħed janalizza dawn is-siltiet mill-*proces verbal*, wieħed jinnota li dawn mhux qed iservu sabiex a tenur ta' l-artikolu 550 (5) tal-Kodiċi Kriminali tiġi indikata "il-lista tal-provi miġbura", iżda ġew indikati fl-istess *proces verbal* bħala konsiderazzjoni biex il-Maġistrat Inkwirenti jasal għar-*ratio decidendi*;

L-appellant jissottometti illi *proces verbal* mhuwiex intiż mil-liġi bħala sentenza ta' Qorti. Però fil-każ preżenti l-*proces verbal* prattikament jammonta għal dan. Fil-fatt, is-siltiet li joġġezzjona għalihom l-appellanti flimkien ma' siltiet tax-xhieda tiegħu stess fil-kors ta' l-inkjesta, wasslu lill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jikkonkludi li l-appellant ma kellux jiġi emmnut. Din l-irregolarità, fil-fehma ta' l-appellant, mhux biss ma kienet ta' ebda rilevanza u rregolari, iżda, l-opinjoni espressa tal-Maġistrat Inkwireneti fuq apprezzament ta' provi, kienet tammonta għal użurpazzjoni tal-funzjoni tal-ġurija u tali li tinfluwenza fuq il-verdett;

L-appellant ikompli jissottometti illi meta l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba tad-difiża hija kienet qiegħda tagħmel interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi filwaqt li tissana rregolarità proċedurali mhux ta' ftit importanza;

Dik il-Qorti dehrilha illi l-ġurati ikollhom quddiemhom prova, ċjoè l-opinjoni ta' Maġistrat Inkwirenti, li b'iżjed mod

enfatiku ddikjara illi l-appellant, ċjoè l-akkużat fl-istanza tal-ġuri, ma kienx affidabbli u kellha titwemmen xhieda li sa l-istadju li jinqara l-*proces verbal*, lanqas kienet għadha mismugħa fil-Qorti u eżaminata *viva voce*. L-appellant jispjega li dan ifisser illi qabel ma l-ġurija kienet għadha semgħet ix-xhieda tal-persuni *viva voce* fil-Qorti, hi kellha f'idejha s-siltiet detrminanti ta' l-istess xhieda ta' l-istess persuni li ngħatat waqt l-inkjesta. Il-ġurija kellha ukoll f'idejha dokument li minnu, mhux biss saret edotta mix-xhieda li ngħatat fl-inkjesta, iżda ukoll mid-dikjarazzjoni barra minn lokha tal-Maġistrat Inkwirenti li l-appellanti ma kellux jitwemmen. Fil-fehma ta' l-appellant, dan l-istat ta' fatt irregolari, hu illegali peress li x-xhieda li ingħatat waqt l-inkjesta għandha sservi biss biex il-parti li tressaq dawk ix-xhieda fl-istadju tal-ġuri tkun tista' tikkontrolla lill-istess xhieda b'dikjarazzjonijiet kuntrarji jew differenti li jkunu għamlu preċedentement jekk ikun il-każ. Fil-fehma ta' l-appellant dan il-fattur kien ta' preġudizzju kbir għalih u żgur li kellu influwenza indebita fuq il-verdett;

L-appellant ikompli jissottometti illi l-*proces verbal* tal-Maġistrat Inkiwrenti fil-fatt mhux biss ġie moqri lill-ġurija iżda l-Ewwel Onorabbli Qorti iddekretat ukoll illi kopja tiegħu tingħata biss lill-ġurija jekk hija titolbu. Kif jirriżulta mid-dattilografat tal-proċeduri, però, il-prosekuzzjoni għamlet minn kollox sabiex in udjenza hi tagħti l-imbekkati kollha sabiex il-ġurija titlob dan id-dokument. Di fatti l-isforzi tagħha rnexxew għaliex fi kwistjoni ta' ftit sigħat il-prim ġurat talab li l-ġurija jkollha kopja tal-*proces verbal* li fil-fatt ingħata lilha. Fil-fehma ta' l-appellant dan ifisser illi l-*proces verbal* kien f'idejn il-ġurati tul il-kors tal-ġuri kollu. Kellhom okkażjoni li jaqrawh u jerġgħu jaqrawh u jiġu influwenzati sa minn qabel ma nstemgħu u ġew eżaminati l-istess xhieda *viva voce*;

L-appellant jirrileva illi, kif jirriżulta mill-atti proċesswali, x-xhieda tal-prosekuzzjoni meta ġew prodotti jixhdu *viva voce*

ma kkonfermawx it-testimonjanza li kienu taw waqt l-inkjesta. Joseph Borg, Carmelo Vella u Aquilina imlaqqam il-"Baggio", kolha taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex kienu taw ċerti dettalji differenti waqt l-inkjesta. Għal kull bwon fini, l-appellant jirrileva ukoll, illi meta l-Maġistrat inkwirenti kien ħa x-xhieda ta' dawn il-persuni, hu ma kienx semagħhom u eżaminahom hu stess personalment, iżda kien talabhom biss jikkonfermaw bil-ġurament l-*istatements* li huma kienu għamlu preċedentement lill-pulizija li kienu qed jinvestigaw *il-każ*. L-appellant għalhekk jissottometti illi f'moħħ il-ġurati bilfors allura emerġa stat psikoloġiku illi quddiemhom kellhom xhieda kontrastanti fuq dettalji kruċjali u kellhom kull opportunità li jifformaw *forma mentis* illi x-xhieda li dawn kienu taw waqt l-inkjesta setgħet tikkostitwixxi prova u kienet tista' tinfluwenzahom. Di piu, kellhom quddiemhom, dikjarazzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti li hu kien jemmen ix-xhieda tagħhom tant li adoperaha bħala bażi biex ta l-opinjoni tiegħu li l-appellant ma kellux jitwemmen u li dak li kienu qalu huma kellu jreġi;

L-appellant jissottometti ukoll li fil-kors tad-difiża u anke fil-kors tal-kontro-replika, id-difensuri tiegħu esponew il-gravita ta' din is-sitwazzjoni. Però dan kien tard wisq biex jinnewtralizza kalunkwe indottrinazzjoni li laħqet saret f'moħħ il-ġurati;

L-appellant jissottometti ukoll illi meta wieħed jeżmina l-indirizz ta' l-Onorevoli Imħallef li ppresjeda l-ġuri, jara kemm l-Ewwel Onorabbli Qorti, nonostante d-digriet li kienet tat preċedentement fuq din il-kwistjoni kienet qed taqbel mas-sottomissjonijiet tad-difiża. Huwa jirrileva illi meta d-difiża għamlet is-sottomissjonijiet orali tagħha hija talbet illi fil-każ li l-Qorti jidhrilha li tali siltiet mill-*proces verbal* ma kinux ammissibbli skond il-liġi, hi kellha l-poter li tiddikjara tali siltiet inammissibbli. Il-Qorti ċaħdet anke din it-talba tad-difiża, iżda mbagħad, fl-indirizz qalet lill-ġurati illi dak kollu illi fil-

*proces verbal* huwa kwotazzjoni minn xhieda li sema' l-Maġistrat, huma kellhom iwarrbuh kompletament għaliex dan kien jammonta għal *hear say* u għalhekk mhux ammissibbli. L-appellant, għalhekk, isaqsi għaliex il-ġurija tħalliet fil-kors tal-ġuri kollu fil-pussess ta' *proces verbal* kontenti partijiet li ma kinux ammissibbli skond il-liġi u kif seta' jiġi rikonċiljat ma' dak illi l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri qal fil-kors ta' l-indirizz. Fil-fehma ta' l-appellant dan ma jreġix loġikament għaliex mhux sewwa illi l-ġurija titħalla u tiġi fil-pussess ta' provi li huma inammissibbli bis-salvawomo tal-monitu li l-Imħallef li jippresjedi l-ġuri jista' jagħmel fil-kors ta' l-indirizz tiegħu. Skond l-appellant, f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-ħsara tkun saret; il-preġudizzju għad-difiża jkun sar u mhux faċli li l-impressjoni li tkun tħalliet f'moħħ il-ġurati tiġi mħassra;

Ikkunsidrat:

Illi wara eżami tal-*proces verbal* li minnu qed jilmenta l-appellant u tad-diversi digrieti relattivi ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti għandha diversi riservi x'tagħmel minħabba li fil-fehma tagħha fiż-żewġ okkażjonijiet kien hemm nuqqasijiet għalkemm f'diversi gradi u b'konsegwenzi differenti;

Jiġi osservat qabel kollox li l-portata ta' dan l-aggravju hija intimament marbuta man-natura tal-figura u funzjonijiet tal-Maġistrat Inkwirenti fil-kors tax-xogħol tiegħu kif previst u rikjest fit-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u li *inter alia* jinkludi dak li jirrediġi l-hekk imsejjaħ *proces verbal*;

Jingħad mill-ewwel illi dan ir-ram ta' l-istruttura tas-sistema penali tagħna mhux wieħed li fuqu hemm xi ġurisprudena profikwa anzi kważi ma hemm xejn ħlief numru

insinifikanti ta' sentenzi li jittrattaw l-aspett ta' l-ammissibilità tal-*proces verbal* minflok ix-xhieda *viva voce* iżda mhux il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti bħala tali. Anqas ma hu suġġett tali li fir-rigward tiegħu wieħed jista' jirreferi għal awturi esteri jew ferm inqas Maltin. Infatti s-sistema tagħna tal-Maġistrat tal-Għassa (li fil-fatt il-liġi qatt ma ssemmieh bħala tali!), tal-Maġistrat Inkwirenti , ta' l-*in genere*, u tal-*proces verbal*, għalkemm ispirata minn sistemi f'ċertu sens simili eżistenti f'pajjiżi oħra, hija partikolari għal Gżiritna. Wieħed għalhekk irid joqgħod attent li japplika biss dawk ir-regoli li mil-liġi tagħna stess huma indikati bħala dawk li għandhom jiggvernaw il-materja. Dana huwa importanti għaliex is-sistemi esteri ta' mħallfin jew maġistrati eżerċenti funzjonijiet ta' investigaturi huma konsegwenza tas-sistema inkwiżitorjali li fis-sistema tagħna ma treġix iżda li kwantu jirrigwarda l-Maġistrat Inkwirenti f'Malta hija f'ċertu limiti ppreservata għaliex il-funzjoni tiegħu tiġi eżerċitata f'kamp li mhux parti mill-kontradittorju iżda, li l-frott tiegħu, jista' jintuża, anzi jikkostitwixxi, prova fil-kontradittorju;

Fil-kuntest ta' l-aggravju ta' l-appellant, l-ewwel aspett ta' indoli legali li jrid jiġi ċċarat huwa dak li jispeċifika l-funzjoni tal-Maġistrat inkwirenti;

L-ewwel ma jrid jiġi ċċarat huwa li l-Maġistrat inkwirenti fil-kors ta' l-inkjesti li l-imsemmi Titolu jirriservaw għalih, ma jaġixxix bħala Qorti Istruttorja, iżda bħala Maġistrat *ut sic*. Anzi, f'ċerti partijiet tal-Kodiċi Kriminali, bħal per eżempju, fl-artikolu 549 (4), hemm ċara d-distinzjoni bejn il-Maġistrat Inkwirenti u l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja;

Stabbilit li l-Maġistrat inkwirenti fl-inkjesti ma jaġixxix bħala Qorti Istruttorja, x'inhija allura l-funzjoni tiegħu? M'hemmx dubbju li l-ewwel konklużjoni hija illi fl-inkjesta

huwa anqas ma għandu funzjoni ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Ċertament huwa persuna intiża mil-liġi stess bħala ta' importanza fondamentali fil-proċess tar-riċerka għall-verità, iżda l-Maġistrat Inkwirent m'għandux il-funzjoni li jistabbilixxi l-ħtija jew l-innoċenza ta' xi persuna, indizjata jew mhijiex. F'dan il-kuntest wieħed irid joqgħod attent, għaliex ċertu kliem użat mil-liġi, speċjalment fl-artikolu 554 tal-Kodiċi Kriminali, jista' jagħti l-impressjoni illi fost il-funzjonijiet tal-Maġistrat Inkwirent hemm dik li jikxef il-ħati. Però, dan mhuwiex il-każ u jista' jiġi affermat mingħajr l-iċken eżitazzjoni illi dan qatt ma ġie ddubitat. Isegwi, li l-kliem mill-artikolu 554 (1) tal-Kodiċi Kriminali "Il-Maġistrat jista' jordna l-arrest ta' kull persuna li waqt aċċess jikxef li hija ħatja, jew li kontra tagħha jkunu ngħabru indizji biżżejjed ..." (fit-test Ingliż "*It shall be lawful for the Magistrate to order the arrest of any person whom, at the inquest, he discovers to be guilty or against whom there is sufficient circumstantial evidence ...*" mhux ħlief poter ta' arrest li l-liġi qed testendi lill-Maġistrat Inkwirent fejn fil-kors ta' xi inkjesta jemerġu provi ċari, jew indikazzjonijiet qawwija, li xi persuna partikolari aktarx hija responsabbli għall-kummissjoni tar-reat li jkun qed jiġi investigat. Speċjalment mit-test Ingliż, fejn jissemmew espressament *circumstantial evidence*, jidher li l-liġi qed tipprospetta kemm il-prova diretta: kif ukoll dik indiretta: fejn dawn ikunu ċari biżżejjed, il-Maġistrat Inkwirenti, għalkemm kif ingħad, m'għandux il-funzjoni li jistabbilixxi ħtija jew innoċenza, għandu l-fakolta' li jordna l-arrest ta' dik il-persuna biex possibbilment il-ġustizzja tieħu l-kors tagħha *tempestivament u awtorevolment u mhux fid-*diskrezzjoni tal-pulizija. Dan hu l-uniku mod kif dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 554 (1) tal-Kodiċi Kriminali jista' jagħmel sens jekk il-prinċipju tal-presunzjoni ta' l-innoċenza fis-sistema tagħna għandu jkollu, kif fil-fatt dejjem ingħata, valur assolut;

*In linea ġenerali, il-Maġistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-*inkariku li fil-każijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir-

reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew iżomm l-aċċess li l-liġi tipprevedi u fl-aħħarnett jirrediġi *proces verbal* li l-liġi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-proċess ġenerali tar-riċerka tal-verità u jikkonsisti prinċipalment fil-ġbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Maġistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bħala pertinenti għall-ġrajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bħala tali, u kuntrarjament għal dak li jiġri f'ċerti sistemi kontinentali, il-Maġistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher ċar li fis-sistema tagħna huwa previst biex f'numru ta' każijiet serji li l-liġi stess tispeċifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jinġabrux u ma jiġux ippreservati biss mill-Pulizija, iżda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv ta' l-Istat u li jiggarantixxu li r-riċerka tal-verità ma tkunx inkwinata minn xi interessi ħlief dak suprem li kollox isir skond il-ħaqq u l-ġustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-*Privy Council* in re **Regina** *vs* **George Terreni**, *obiter*, iddeskriva bħala *a good way of preserving evidence*;

S'intendi, ċerti deċiżjonijiet il-Maġistrat Inkwirenti bilfors jeħodhom, anzi, jista' jiġi affermat li mingħajr l-eżerċizzju ta' din il-funzjoni, l-uffiċċju tiegħu, f'diversi każijiet jisfa bla sens. Hekk, per eżempju, f'każijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa għandu jindaga ċ-ċirkostanzi li wasslu għal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew ċertament waħda aċċidentali u indipendenti minn kull ħtija doluża jew kolpuża ta' terzi jew inkella hiex proprju r-riżultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jingħad għal każijiet fejn jiġu rapportati lilu eventi li *prima facie* jkunu jippreżentaw sembjanzi ta' reat. Hi ċertament il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u jipprova jasal għal konklużjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi ħadd partikolari li jista' jiġi investigat ulterjorment jew addirittura akkużat. Ċertament mhix

il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti li jiddeċidi li għar-reat investigat minnu huwa ċertament jew probabbilment responsabbli xi ħadd partikolari, għax kif ingħad huwa ma jaġixxix *qua* Qorti, la ta' Istruttorja u inqas ta' Ġudikatura. Iżda hija ċertament il-funzjoni tiegħu li jiddeċidi l-ewwel hemmx provi suffiċjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bażi tal-provi - indipendentement mill-apprezzament tagħhom - hemmx biżżejjed biex jingħad li xi ħadd partikolari jista' possibbilment ikun passibbli għal proċeduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti, iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tiegħu. Jiġi ripetut li l-istitut tal-Maġistrat Inkwirenti evidentement inħoloq biex kemm hu possibbli ċerti indaġnijiet li jistgħu iwasslu jew għall-kxif ta' reati u/jew ta' persuni responsabbli għalihom jew li jistgħu jkunu neċessarji f'ċerti eventi serji, dawn isiru bl-ikbar serjeta' u 'l fuq mis-suspetti jew l-influwenza diretta jew indiretta tal-poter esekuttiv ta' l-Istat;

Ifisser dan illi jekk tiġi rapportata mewt ta' persuna lil Maġistrat Inkwirenti, huwa d-dover tiegħu li jiġbor u jippreserva l-provi kollha possibbli u mhux biss jistabbilixxi li verament saret mewt, iżda kif dik il-mewt ġiet jew setgħet ġiet ikkawżata kif ukoll jekk hemmx provi biżżejjed biex xi ħadd jista' jiġi akkużat b'dik il-mewt jew almenu jekk il-pulizija għandhiex tkompli bl-investigazzjonijiet tagħha in ġenerali jew f'linja partikolari. Dan, evidentement jinvolvi eżerċizzju ta' diskrezzjoni mill-Maġistrat Inkwirenti li għalkemm huwa limitat dejjem irid isir u li neċessarjament jinkludi sa ċertu livell apprezzament ta' provi;

S'intendi, dan kollu jrid isir fil-parametri ta' dak li hu leċitu, tenut kont tal-figura u funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti u ta' l-importanza tar-riżultat tax-xogħol tiegħu fil-proċess penali. Ma jistax, per eżempju, il-Maġistrat Inkwirenti fil-kors normali ta' l-affarijiet jiddeċidi li jikkontraponi xhieda ma' oħra u

jistabbilixxi liema waħda mit-tnejn jew aktar timmerita li tiġi emmnuta. Jista' invece jekk prova hija impossibbli li tkun vera, jissenjala dan, speċjalment jekk dan jista' jkun ta' rilevanza. In massima ġenerali, però, dak li huwa importanti huwa li bħal Maġistrat li jippresjedi fil-Qorti ta' Istruttorja, il-Maġistrat Inkwirenti ma jusurpax il-funzjonijiet ta' ġudizzju u valutazzjoni ta' provi li fil-proċess penali l-liġi tirriserva għal ħaddieħor. Hu importanti li l-Maġistrat Inkwirenti jżomm ma' dan il-parametru għaliex il-liġi tagħti importanza kbira lill-investigazzjoni li jkun għamel u l-*proces verbal* li jkun irrediġa hu ukoll hu mogħti valur probatorju fil-proċess penali;

Parametru ieħor joħroġ minn dak li tgħid il-liġi u anke l-ftit ġurisprudenza in materja. Kif ingħad diġà, fit-termini ta' l-artikolu 550 (1) tal-Kodiċi Kriminali l-proċess verbal magħmul regolarment, jista' mhux biss jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża, iżda dan jista' jsir "mingħajr ma jkun meħtieġ li jinstemgħu x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu deħru fl-aċċess". Dawn il-Qrati qatt ma interpretaw din id-disposizzjoni bħala li tfisser li l-*proces verbal* tal-Maġistrat Inkwirenti għandu aktar importanza minn, jew jirbaħ fuq il-prinċipju li fil-proċess penali x-xhieda għandhom jinstemgħu *viva voce*, iżda biss li fejn xhud ma jistax jinstema' aktar *viva voce*, għax impossibilitat, jew għax assenti, jew għax miet, allura dak li jista' jkun iddepona fil-kors ta' l-aċċess, jista' jinġieb u jintuża bħala prova, bħal ma prova testimonjali miġbura fil-kors ta' aċċess tista' tintuża biex jiġi kkontrollat l-istess xhud waqt li qed jiddeponi *viva voce*. Il-parametru li għandu jinżamm huwa fis-sens li x-xhieda tittieħed korrettement, skond il-proċedura u regoli ta' ġustizzja u li tittieħed mill-Maġistrat Inkwirenti stess. Dan hu wieħed mill-karatteristiċi prinċipali ta' l-uffiċċju tal-Maġistrat Inkwirenti billi fl-inkjesta d-domandi jsiru minnu stess. Hija importanti għalhekk l-osservanza stretta tar-regola proċedurali. Mhux sewwa, per eżempju, illi fil-kors ta' inkjesta, il-Maġistrat Inkwirenti waqt li qed jinterroga xhud li jkun ġa'

ġie interrogat mill-pulizija u li jkun ġa' irrilaxxja stqarrija, issirlu referenza għal dik l-istqarrija u jiġi merament mistoqsi jekk jaqbilx u jikkonfermax il-kontenut tagħha - kif qed jiġi allegat u kif jidher li sar f'dan il-każ waqt l-inkjesta. Anke jekk strettament wieħed jista' jġebbed l-argument biex idaħħal din il-prattika fil-parametri tal-legalità, xorta waħda huwa evidenti li dan hu sistema ta' ġbir ta' provi li jistultifika l-istess skop li għalih il-liġi tipprevedi inkjesta minn Maġistrat Inkwirenti. Għalhekk, din il-Qorti tispera li speċjalment jekk din il-prattika hija waħda komuni, għandha tieqaf immedjatament u s-sistema tirriverti għan-normal u għal dak li evidentement hu rikjest mil-liġi - u ċjoè li l-interrogatorju jsir mill-Maġistrat Inkwirenti fil-veru sens tal-kelma;

Fl-istess kuntest ukoll jiġi rrilevat kemm hu importanti li l-Maġistrat Inkwirenti jaħsibha sew qabel ma jiddeċidi li jinterroga lill-persuna suspettata jew indizjata. Fil-pasast il-prattika dejjem kienet li fejn il-provi jindikaw xi persuna partikolari, il-Maġistrat jieqaf hemm, jirrediġi l-*proces verbal*, jissenjala dan il-fatt u mbagħad jispetta lil ħaddieħor li jinterroga lill-indizjat mingħajr ma jassumi responsabbilità għal dak l-interrogatorju l-Maġistrat Inkwirenti. Mid-dehra, din il-prattika savja u aktar konformi mal-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti, m'għadhiex aprezzata daqs kemm kienet, anzi, sfortunatament, irriżultaw każijiet quddiem din il-Qorti fejn il-Maġistrat Inkwirenti ħa inizzjattivi li aktar jagħmlu mix-xogħol tal-pulizija milli ta' l-investigatur kif konċepit taħt is-sistema ta' l-inkjesta maġisterjali;

Huwa f'dan l-isfond legali kollu li jrid jiġi kkunsidrat l-aggravju ta' l-appellat;

Ikkunsidrat għalhekk:

Qabel kollox jiġi rrilevat li għalkemm l-appellant evidentement kellu ilmenti serji fuq l-ammissibilità ta' ċerti partijiet mill-*proces verbal* u fi kwalunkwe każ dwar l-aċċess li l-ġurati kellu jkollhom għalih kif inhu, din il-kwistjoni ma ġietx ventilata taħt forma ta' eċċezzjoni preliminari, bir-riżultat li l-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet affaċċjata biha bla pre-avviż u meta l-ġuri kien diġa' beda. Ċertament kieku dan ġie evitat, is-sitwazzjoni kienet tiġi kkristallizzata aħjar u minn qabel u jiġi evitat il-perikolu li proċess kriminali posibbilment jiġi inkwinat b'irregolarita. Fi kwalunkwe każ, però, il-fatt li ma ġietx intavolata eċċezzjoni preliminari *ad hoc* ma jipprekludix lill-akkużat milli jqajjem il-kwistjoni fl-istadju tal-ġuri jew anke f'dan l-istadju jekk huwa jikkontendi li kien hemm irregolarità;

Essenzjalment fil-kors tal-ġuri, meta qamet il-kwitjoni tal-*proces verbal* f'diversi stadji, l-Ewwel Onorabbli Qorti tat tliet deċiżjonijiet. Fl-ewwel lok iddeċidiet illi l-*proces verbal* kien prodott u produċibbli skond il-liġi mingħajr tnaqqis. Fit-tieni lok iddeċidiet li x-xhieda ta' l-akkużat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti kienet tikkostitwixxi konfessjoni fit-termini tal-liġi u preċiżament fit-termini ta' l-artikoli 658 u 661 tal-Kodiċi Kriminali u fit-tielet lok illi kopja tal-*proces verbal* kif ukoll kopja tad-deposizzjoni ta' l-akkużat ikkurata skond digriet preċedenti jiġu mqassma lill-ġurati biss jekk issir talba spontanja għalihom minnhom;

Fil-fatt, jirriżulta mill-provi li, kif prattikament isir dejjem, il-*proces verbal* tal-Maġistrat Inkwirenti nqara biċċa biċċa fl-intier tiegħu u sussegwentement ġie anke mqassam lill-ġurati li talbu għalih;

Issa f'dan il-*proces verbal* jirriżulta dan li ġej:

Fil-parti li tirrakkonta x'ġara fil-ġurnata li fiha sefa ferut

il-vittma u b'referenza speċifika għall-parti li kellu Jason Bugeja - wieħed mix-xhieda fil-ġuri - il-Maġistrat Inkwirenti jgħid hekk: "Minkejja li Ali Milad skuża ruħu diversi drabi ma' Bugeja jekk dan offendih bil-kliem *sorry, sorry*, Bugeja ma fehemx, jew għamel ta' bir-ruħu li ma fehemx. Hareġ 'il barra u ħalla valanga ta' eventi traġiċi li beda hu tieħu l-kors mingħajr intervent ieħor tiegħu. Bħal ma jingħad bl-Ingliż, *the die was cast. U kien hu l-perċimes u bil-mod l-aktar kodard ħalla lil* ħaddieħor jagħmel ix-xogħol maħmuġ tiegħu waqt li hu nqeda bid-dell oskur ta' għemilu";

Fl-istess parti li tirrakkonta kif il-Maġistrat Inkwirenti deherlu li żvolġew ruħhom l-eventi, wara li hemm eżerċizzju sħiħ ta' paragun u konfronti ta' xhieda u dettalji minn xhieda ma' dak li xehed l-akkużat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, huwa jasal għall-konklużjoni li l-versjoni ta' l-akkużat illi l-mus kien qed iġorru *biex ibeżża' bih u li Shahati ġie milqut bih* aċċidentalment wara li dan waqa' fuqu (l-akkużat) u x-xafra daħlet f'ġenbu ma kinitx veritjiera. Anzi fil-*proces verbal* hemm testwalment "Din il-versjoni mogħtija minn Calleja, detto ċ-*Chippy*, mhix il-verità u r-riżultanzi ta' l-inkjesta juru mod ieħor. Jidher li Calleja kellu l-mus f'idejh waqt l-insegwiment u qabel ma bdiet l-aħħar ġlieda";

F'waħda mill-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-każ in ġenerali l-Maġistrat Inkirenti osserva dan li ġej: "L-ironija ta' dan kollu hu li l-anqas ħadd mill-protagonisti ta' din it-traġedja, ħlief forsi il-viljakk Jason Bugeja ma kien jaf jew indenja ruħu jsaqsi l-għala kien qiegħed jiġġieled ma' l-Għarab";

Il-Maġistrat Inkwirenti mbagħad ikkonkluda illi: "Fuq l-iskorta ta' dawn id-deposizzjonijiet, inkluż dik ta' Calleja stess u provi oħra ċirkostanzjali li kollha jindikaw lil Jason Calleja bħala l-awtur ta' dan id-delitt, il-Maġistrat Inkwirenti jidhirlu li

dan ta' l-aħħar għandu jiġi mressaq il-Qorti biex iwieġeb għall-akkużi ta' omiċidju volontarju ta' Salaħ Shahati u akkużi oħra in konnessjoni mal-pussess ta' arma li taqta' u bil-ponta";

Din il-konklżjoni l-Maġistrat Inkwirenti wasal għaliha u nižżilha fil-*proces verbal* wara li kif jafferma fl-istess *proces verbal* huwa b'nota ddatata 20 ta' Novembru, 1991 ippreżentata mill-Ispettur Emmanuel Cassar, ġie informat li fil-fatt tressqet persuna biex tiwieġeb akkuži in konnessjoni ma' dan id-delitt;

F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva u tasal għall-konklużjonijiet segwenti:

Safejn taf din il-Qorti, il-prattika fost il-Maġistrati dejjem kienet - u l-loġika legali hekk tirrikjedi - illi meta u appena l-Maġistrat Inkwirenti jiġi informat mill-pulizija illi persuna kienet ser titressaq jew ġa' ġiet imressqa l-Qorti u akkużata bid-delitt li l-Maġistrat Inkwirenti kien qed jinvestiga, dan isir mhux għas-sempliċi formalità, iżda biex il-Maġistrat Inkwirenti proprju ma jkomplix bl-investigazzjoni tiegħu u jgħaddi biex jirrediġi l-*proces verbal*. Minn dak il-mument, il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti tiġi immedjatament ċirkoskritta u kull ma jkun jifdallu jagħmel huwa, mhux li jagħlaq l-inkjesta, iżda li jissospendiha u jipproċedi biex jirrediġi l-*proces verbal* li fih jindika dak li tirrikjedi l-liġi u xejn aktar. F'ċirkostanzi bħal dawn, minħabba li persuna partikolari tkun għaddiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti b'akkuża speċifika, hu impellenti li l-Maġistrat Inkwirenti jifhem li l-funzjoni tiegħu ta' investigatur ma tistax titkompla u għalhekk huwa neċessarju li l-*proces verbal* tiegħu jkun limitat biss biex jindika xi provi laħaq ġabar u ppreserva sa dak il-ħin mingħajr ma jipprova jistabbilixxi ħtijiet jew responsabbilitajiet partikolari. Infatti, il-formula dejjem kienet li f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Maġistrat wara li jindika xi provi laħaq ġabar jgħaddi għall-paragrafu konklussiv li

dejjem kien jikkonsisti f'dikjarazzjoni li minħabba n-notizzja u l-fatt tal-preżentata huwa ssospenda l-inkjesta jew l-aċċess, irrediġa l-*proces verbal* li miegħu jgħaqqad id-deposizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti miġbura. Imbagħad jiddisponi mill-*proces verbal* kif trid il-liġi. Dejjem hekk sar u din il-Qorti ma tifhimx kif fil-każ preżenti meta l-Maġistrat Inkwirenti kien ġie informat illi saret il-preżentata ta' l-appellant odjern, flok għadda biex jissospendi l-inkjesta, ikkonkludiha u inoltre għamel dan bil-mod deskritt supra;

Infatti dan iwassal lil din il-Qorti għat-tieni konsiderazzjoni li hija aktar serja. Fil-kors ta' din l-inkjesta, bħal ma jiġri f'ħafna inkjesti oħra, żviluppat sitwazzjoni ta' versjonijiet konfliġġenti bejn xhud u ieħor dwar kif seħħew l-eventi. Dan jiġri spiss u minħabba f'hekk, bla dubbju ta' xejn, hu importanti li l-provi jiġu miġbura b'mod li din id-diversità fil-versjonijiet tkun mhux biss evidenti iżda tiġi ppreservata mhux mittiefsa, għax hekk jirrikjedi l-interess tal-ġustizzja. Dana għaliex jista' jagħti l-każ, u fil-fatt spiss hekk jiġri, li xi darba jew oħra xi ħadd irid jgħaddi ġudizzju fuq dawk il-versjonijiet biex jipprova jistabbilixxi l-verità. Għalhekk hu importanti li l-Maġistrat Inkwirenti, jekk tirriżultalu din id-diverġenza jiġborha u jippreservaha u jippreservaha bl-iktar mod fidili għal kull fini u effett tal-liġi. Dan hu dover li l-Maġistrat Inkwirenti għandu lejn il-ġustizzja in ġenerali u lejn min eventwalment jista' jkun imsejjaħ biex jivvaluta l-provi u jasal għall-konklużjoni dwar ħtija o meno, in partikolari. Għal din ir-raġuni jkun assolutament barra minn loku li jiġri, bħal ma ġara f'dan il-każ, li xhud partikolari jinstilet minn oħrajn u jiġi deskritt bħala "kodard" u xhud ieħor - li fiċ-ċirkostanzi l-Maġistrat Inkwirenti kien jaf li ġa' tressaq il-Qorti akkużat bid-delitt - jiġi mingħajr tlaqliq stabbilit fil-konfront tiegħu li l-versjoni tiegħu ta' kif ġraw il-fatti "mhix il-verità" u li xhieda oħra identifikati qed jgħidu l-verità. Dan kollu fil-fehma ta' din il-Qorti kien irregolari għall-aħħar għax, apparti l-

konsiderazzjoni kkontenuta fil-paragrafu preċedenti, il-funzjoni tal-Maġistrat qatt ma tista' u qatt ma għandha tissarraf f'eżerċizzju komparattiv u valutattiv bejn versjonijiet konfliġġenti biex jistabbilixxi min qed jgħid il-verità u min qed jigdeb. *Din mhix il-funzjoni tal-Maġistrat Inkwirenti u qatt ma* tista' tkun, għax il-liġi qatt ma kkonċepietu bħala ġudikant. Fil-fatt, anqas il-Maġistrat li jippresjedi l-Qorti ta' Istruttorja biex jikkonduċi l-kumpilazzjoni ma jagħmel dan l-eżerċizzju anzi jrid skrupolożament jillimita ruħu għal dak li tirrikjedi minnu l-liġi u ċjoè li jiddeċidi jekk a bażi tal-provi, fil-fehma tiegħu, hemmx biżżejjed biex l-imputat jitpoġġa taħt att ta' akkuża. Hu *inkonċepibbli li anke fil-kumpilazzjoni l-Maġistrat jindika min* jaħseb li qed jgħid il-verità u min qed jigdeb, id-diverġenza fil-versjonijiet trid tibqa' mhux mittiefsa biex tiġi vvalutata minn ħaddieħor - konsegwentement *multo magis* hu neċessarju li jiġi osservat dan il-preċett fl-inkjesta kondotta mill-Maġistrat Inkwirenti speċjalment meta l-inkjesta suppost tiġi sospiża;

Barra minn dan kollu hemm aspett ieħor importanti li aċċenna għalih l-appellant u li a bażi tiegħu talab lill-Ewwel Onorabbli Qorti tikkunsidra l-possibbilità li l-*proces verbal* jiġi b'xi mod ċensurat qabel ma jgħaddi f'idejn il-ġurati jew qabel ma jinqralha. Infatti, indipendentement mill-konsiderazzjoni ga` msemmija, hemm il-prinċipju li fis-sistema tagħna l-ġurati għandhom jitpoġġew u jitħallew fl-aħjar posizzjoni u fl-ikbar liberta` biex jaslu għal verdett, liema liberta` għandha tkun verament effettiva. B'liberta` vera u effettiva din il-Qorti tifhem li, dejjem safejn hu possibbli, għandhom jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn prova perikoluża li minnha nfisha ma tistax ħlief ikollha piż u tħalli effett f'moħħ min jipperċepiha u ser jiddeċidi, tiġi ammessa għax fi kwalunkwe każ, il-ġurati ripetutament ser jiġu mfakkra li huma supremi fil-ġudizzju tagħhom u m'għandhomx iħallu li jiġu influwenzati minn xi ħadd jew xi prova li mhux suppost tinfluwenzahom. Din il-Qorti ma tistax taċċetta li l-kunċett ta' ġustizzja fil-proċess penali

jistrieħ fuq falsità konċettwali li temmen li huwa aċċettabbli li ġurati l-ewwel jitħallew jisimgħu dak li aħjar ma jisimgħux jew li mhux leċitu jisimgħu għaliex fi kwalunkwe każ hemm is-salvawomo tal-monitu ta' l-Imħallef li permezz tiegħu, bħallikieku b'xi formula maġika, huma mistennija jikkanċellaw minn moħħom xi ħaġa partikolari li jkunu tħallew jisimgħu. M'hemmx dubbju li dak li ssottomettiet id-difiża u ċjoè illi l-ġurati ma jmisshom qatt tħallew jiġu a konjizzjoni tal-fatt li l-*Maġistrat Inkwirenti, li kien l-ewwel wieħed li kellu l-*opportunità jisma' x-xhieda ta' dawk li ħadu parti fl-inċident inkluża dik ta' l-akkużat stess, kien wasal għal konklużjoni li meta dan ta' l-aħħar kien qed jipprova jiskolpa ruħu kien qed jigdeb u li dak li qalu sħabu kien jikkostitwixxi l-verità! Dan iwassal għall-konsiderazzjoni li jmiss;

Fil-fehma ta' din il-Qorti meta l-kwistjoni tal-*proces verbal* tqajjmet mid-difiża fi prim'istanza fid-diversi aspetti tagħha, il-posizzjoni kellha tkun ċara biżżejjed biex mhux l-ewwel jittieħed ir-riskju u mbagħad tinġibed l-attenzjoni tal-ġurati biex iħossuhom liberi ma jaċċettawx dak li jkunu semgħu, iżda li ma jittiħdux riskji mhux meħtieġa. Fil-fehma tagħha, l-ewwel *konklużjoni li kellha tiġi raġġunta kienet li dak li kien* għamel il-Maġistrat Inkwirenti fil-*proces verbal*, u li ġie msemmi aktar 'il fuq, ma kienx regolari u anke jekk kien fil-limiti tar-regolarità, ċertament, ma kienx il-każ li l-istess apprezzament tiegħu jinġieb a konoxxenza tal-ġurati. Ir-riskju kien ovvju, tant li anke l-Ewwel Qorti għalkemm ħadet l-atteġġjament li ngħad, immedjatament ippruvat tikkawtela kontra r-riskju li kien evidentement inerenti fid-deċiżjoni tagħha u sussegwentement fl-indirizz irrepetiet il-monitu tagħha lill-ġurati. *Fil-fehma tal-Qorti*, però, *mhux hekk kellu jsir*, *iżda li* jinstab il-mezz, bil-kooperazzjoni tal-prosekuzzjoni jew mingħajrha, kif bl-inqas ħsara l-*proces verbal* jiġi salvat mingħajr ma jiġi pperikolat jew kompromess il-proċess kollu;

*Stabbilit dan kollu hu neċessarju li jiġi rrilevat li una volta* din il-Qorti qed tasal għall-konklużjoni li fil-kors tal-ġuri saret irregolarità konsistenti fil-fatt li l-*proces verbal* inġieb a konjizzjoni tal-ġurati kif inhu jinkombi fuqha li tgħaddi biex *tistabbilixxi jekk b'daqshekk il-proċess ġiex irrimedjabbilment* kompromess. Dan l-eżerċiżżju, però ser isir aktar tard wara li jiġu eluċidati xi punti legali oħra li jirregolaw il-materja;

Ikkunsidrat:

Aggravju ieħor ta' l-appellant jikkonsisti f'allegazzjoni ta' interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi da parti ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Huwa jissottometti illi waħda mil-linji difensjonali prospettati *mid-difiża kienet ir-reat ikkontemplat fl-artikolu* 220 (2) tal-Kodiċi Kriminali. Huwa kien qed jissottometti illi l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni setgħu jinkwadraw l-elementi legali rikjesti għall-konkawża;

Iktar fid-dettal l-appellant jissottometti illi ġie ppruvat illi meta l-kirurgu Opertowski għamel l-ewwel intervent kirurġiku sab illi l-unika *stab wound* li kellu Shahati, kienet bejn it-tmien u d-disa' kustilja fuq il-lemin, li nifdet il-fwied minn naħa għall-oħra u spiċċat biex nifdet l-*inferior vena cava* minn quddiem u minn wara. Dawn il-feriti ġew suturati u d-demm waqaf. Qabel ma ngħalaq il-pazjent, saret ukoll esplorazzjoni għal xi feriti oħra u kif determinat mill-karta klinika ta' l-operazzjoni, ma kien hemm l-ebda ferita oħra. Wara din l-operazzjoni, il-pazjent ittieħed l-I.T.U. u kien relattivament stabbli. L-għada beda jiġi nnutat, wara li ttieħdu l-X-rays, li kien hemm xi demm li akkumula fis-sider. Saret it-tieni operazzjoni, instab li fiż-żaqq kien hemm demm li meta ġie *drained* irriżulta li ma kienx ġej mill-feriti ikkawżati mill-i*stab*

*wound.* Infethet il-kavita toraċika u ġie nnotat illi d-demm kien ġej minn qatgħa oħra li kienet fl-*inferior vena cava* f'livell ferm għola *mill-ewwel qatgħa u li kienet għal kollox mhix relatata* mal-feriti kkawżati mill-*istab wound*;

*Fl-indirizz tiegħu, l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri,* skond l-appellant, ma qabilx ma' l-interpretazzjoni legali li ngħatat mid-difiża. Infatti, l-Onorevoli Mħallef interpreta l-punt legali involut fis-sens illi jekk Shahati mingħajr intervent tat-tobba kien imut, allura ma setax wieħed jitkellem fuq kawża aċċidentali, indipendenti mill-att ta' l-akkużat. Skond l-appellant dan ifisser illi fl-ebda każ ma jista' jkun possibbli li jiffigura r-reat in diżamina. L-argumentazzjoni ta' *l-Ewwel* Onorabbli Qorti, treġi meta persuna targumenta illi l-pazjent ikun ingħata kura tardiva u li allura jkun miet tort tal-fatt li t-tobba ma *jkunux ikkurawh fil-pront. Dan però, mhux l-*argument fil-każ in eżami. Il-pazjent ingħata l-kura fil-pront, fil-fatt ma mietx u wara l-ewwel intervent u l-feriti kollha kkawżati mill-*istab wound* ġew suturati u d-demm waqaf mhux talli ma mietx anzi f'ċertu ħin is-sitwazzjoni tiegħu kienet qed tibda tistabbilizza. Eventwalment il-mewt ma ġratx biss minħabba l-konsegwenzi naturali tal-ferita, però ukoll minħabba fattur inċidentali li nqala' wara li mhu bl-ebda mod relatat mal-ferita. L-appellant jirrileva illi s-sottomissjoni tad-difensur tiegħu kienet illi meta tirriżulta l-konkawża ma jiffigurax l-omiċidju *volontarju iżda r-reat ta' ferita gravi segwita bil-mewt.* Minħabba l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ħażina tal-liġi allegata, fil-fehma ta' l-appellant, il-ġurija ġiet żvijata milli tifli l-provi li setgħu jwassluha għal konklużjoni konformi mas-sottomissjoni tad-difiża u f'dan is-sens huwa jħossu aggravat;

Jiġi osservat li dan l-aggravju huwa prospettat b'mod fin li jirrikjedi li jiġi kkunsidrat b'ċertu attenzjoni;

Brevement dak li l-appellant jippretendi li din il-Qorti għandha tasal għalih huwa li skond hu:

F'dal każ kellha tirriżulta l-konkawża billi kien hemm provi biżżejjed li juru li l-mewt ma ġratx biss kawża tal-ferita subita fl-inċident;

Il-ġurati kienu jaslu għal din il-konklużjoni kieku ma ġewx żvijati mill-Onorevoli Imħallef li ppresjeda l-ġuri fil-kors ta' l-indirizz;

Din il-Qorti jidhrilha li loġikament, biex l-eżerċizzju li trid tagħmel ikun komplet, l-ewwel għandha tikkunsidra jekk fl-indirizz ta' l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri jirriżultax l-iżball li l-appellant qed jippretendi, jiġifieri kienx hemm il-*misdirection* allegata, f'liema każ, allura, din tkun trid tiġi vvalutata għal dawk li jistgħu jkunu l-effetti tagħha għall-fini kollha tal-liġi. Il-kwistjoni proprja tal-konkawża mbagħad, tiġi kkunsidrata biss jekk hu l-każ u wara li jkun sar l-eżerċizzju msemmi li minnu nnifsu jinvolvi mhux biss l-aggravju l-ieħor fuq il-meritu proprju tal-każ iżda anke l-aspett fondamentali ta' l-intenzjoni speċifika omiċida;

Ikkunsidrat:

Il-parti mill-indirizz li l-appellant qed jilmenta minnha hija s-segwenti:

"Jiġifieri araw, jekk mingħajr l-intervent tat-tobba, mingħajr f'dan il-każ - mingħajr l-intervent tat-tobba, sewwa - Shahati, kien imut jew le, jekk kien imut, allura, ma jistax ikun hemm kawża aċċidentali, li nqalgħet wara - għaliex trid tkun aċċidentali, indipendenti mill-att ta' l-akkużat, jiġifieri tkun tikkonsisti din il-kawża minn fatt, posittiv li jipproduċi l-mewt,

illi l-offiża waħedha ma kinitx tipproduċi. L-offiża waħedha ma kinitx tipproduċi l-mewt, imbagħad ġara xi ħaġa - ġrat xi ċirkostanza illi ġiebet il-mewt" (Sottolinear ta' din il-Qorti);

Jiġi osservat mill-ewwel li hawn qegħdin fil-kamp ta' l-omiċidju preterintenzjonali u mhux fil-kamp ta' l-omiċidju volontarju. Fiż-żewġ każijiet tiġri l-mewt in segwitu għal offiża fuq il-persuna, però, fl-ewwel każ il-mewt hija voluta, ċjoè l-frott ta' l-intenzjoni speċifika ta' qtil jew ta' tpoġġija tal-ħajja ta' dak li jkun f'perikolu manifest u inoltre il-mewt tiġri konsegwenza tan-natura ta' l-offiża, mentri fit-tieni każ il-mewt mhux voluta, anzi l-intenzjoni speċifika li tikkaratterizza l-omiċidju volontarju neċessarjament trid tkun assenti u l-mewt trid tkun ġrat "minħabba xi kawża aċċidentali li tinqala' wara u mhux biss minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża" (artikolu 220 (2) tal-Kodiċi Kriminali);

Id-dottrina tal-*concausa* hija riżultat tal-bżonn li nħass mil-leġislaturi ta' diversi pajjiżi li f'każijiet ta' offiżi fuq il-persuna, safejn hu possibbli, l-awtur li ma kellux l-intenzjoni li jikkawża mewt, m'għandux jiġi ritenut responsabbli għal effetti li l-att tiegħu ma kienx iħalli li kieku ma kienx għal kawża aċċidentali (*concausa*);

Din id-disposizzjoni tal-liġi qatt ma tat lok għal xi kwistjonijiet partikolarment komplessi, la fid-dottrina u anqas fil-prattika. Infatti dak li hu rikjest hu biss li l-*concausa* tkun aċċidentali, jiġifieri trid tkun totalment indipendenti mill-att ta' l-awtur tad-delitt u inoltre trid tinqala' wara li tkun ġiet ikkawżata l-offiża fuq il-persuna. Fid-dottrina hemm veduti differenti dwar l-effetti ta' negliġenzi ta' infermieri u tobba fil-kura tal-ferut. Il-Maino u l-Manzini, per eżempju, isostnu li f'każi bħal dawn, il-*concausa* hija possibbli, mentri awturi bħal Kenny, per eżempju, ma jaqblux billi jsostnu illi tali riskju huwa

dejjem inerenti għall-offiża kkawżata, fis-sens illi kieku ma kinitx ikkawżata l-offiża ma kienx ikun hemm konsegwenzi;

Il-Professur Mamo fin-noti tiegħu fir-rigward jgħid: "*Cases of supervening accidental contributory causes would be, for instance, the negligence of the doctor attending the patient, or the improper application to the wound, or the non-observance by the patient of the doctor' prescriptions. In all such cases we have a fact, a positive fact, independent of the act of the offender, which is super-added to the injury and produces effects which the injury, by itself, would not have produced. But the case would be otherwise if, for instance, the wound turns to gangrene, or septic poisoning or becomes grievious by its natural consequences, or from an operation rendered advisable by the act of the accused. The rationale of this is that a person who brought the victim into some new hazard of serious personl injury may fairly be held responsible if any extraneous circumstances, that were not intrinsically impossible, should convert the hazard into a certainty*";

Jiġi osservat inoltre li fiż-żmien li l-kunċett tal-*concausa* fil-Kodiċi tagħna, l-istess kien jeżisti fil-*Codice Sardo* u effettivament ġie ripetut fil-Kodiċi Zanardelli, għalkemm kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem jeżistu differenzi ta' ċerta entità. L-artikolu oriġinali fil-Kodiċi tagħna kien il-210 li kien jaqra hekk:

"*Each of the following persons shall be deemed to be guilty of homicide and liable to the provisions of the law in respect to homicide.*

*1. Whosoever shall be guilty of a severe bodily harm, in consequence of which death shall ensue, owing to the nature or natural consequences <u>alone</u> of such harm, and <u>not to</u> any*

*supervening accidental cause within forty days from the midnight immediately preceding the crime;*

*(2) Whosoever shall be guilty of a severe bodily harm in consequence of whicih death shall ensue owing to the nature of natural consequences alone of such harm, and not to any supervening accidental cause, after forty days, and within one year reckoning as above. In this case, the punishment shall be diminished by one degree;*

*(3) Whosoever shall be guilty of a severe bodily harm, on which death shall ensue owing to a supervening accidental cuase, and not to the nature or natural consequences alone of such harm. In this case the punishment shall be diminished by two degrees*";

Fil-versjoni Taljana tal-Kodiċi tagħna l-inċiż (3) kien jgħid hekk: "*il colpevole di grave offesa sulla persona, da cui la morte seguisse per una causa accidentale sopraggiunta, e non per la sola natura o conseguenze naturali all'offesa. In questo caso la pena discendera` di un grado*";

L-artikolu 367 tal-Kodiċi Zanardelli, invece, juża din it-terminoloġija:

"*Quando nei casi preveduti negli articoli precendenti la morte non sarebbe avvenuta senza il concorso di condizioni preesistenti ignote al colpevole, o di cause sopravvenute e indipendenti dal suo fatto, la pena e` ...*";

Din il-Qorti hija tal-fehma li kemm il-kelma "*alone*" fl-artikolu antik 210 (3) u l-kliem "mhux biss" fl-artikolu 220 (2) odjern mhumiex hemm għalxejn. Anzi m'hemmx dubbju li ġew inseriti bi skop preċiż;

*Fil-fehma ta' din il-Qorti bejn id-disposizzjoni taghna* u dik antika tal-Kodiċi Zanardelli hemm differenza sostanzjali u konċettwali. Infatti, jidher li taht il-Kodiċi Zanardelli l-enfasi *qieghda fuq il-fatt li l-mewt ma kinitx* tissuċċiedi minghajr il-konkors tal-kawża sopraġġunta li trid tkun ukoll indipendenti mill-att ta' l-awtur tad-delitt. Fil-każ tad-disposizzjoni taghna l-kunċett ta' *concausa* jidher li hu konċepit b'mod differenti u l-enfasi qieghda fuq il-kawża tal-mewt fis-sens li dak li jidher li l-liġi riedet tipprovdi ghalih u tiehu in konsiderazzjoni ghall-fini ta' tnaqqis fil-piena, huwa l-irwol tal-kontribut tal-kawża sopraġġunta *ghall-mewt. Dak li hu mportanti mhux jekk il-*verità subita minnha infisha jew bhala konsegwenza naturali taghha kinitx iġġib il-mewt, iżda jekk fil-fatt il-mewt ġietx ikkawżata *ukoll mill-kawża sopraġġunta* u mhux biss mill-ferita inflitta. Infatti, fil-liġi taghna s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 220 hu evidentement kontrappost ghas-subartikolu preċedenti li jikkontempla invece il-każijiet fejn il-mewt tiġri "minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża, u mhux ghal xi kawża aċċidentali li tinqala wara". Fis-subartikolu (2), invece, hu ovvju li ghall-mewt ikunu kkontribwew it-tnejn u dak *li hu mportanti mhux jekk il-ferita inflitta wahedha kinitx* minnha infisha jew bhala konsegwenza naturali twassal ghall-mewt, imma jekk fil-fatt kinitx wasslet ghall-mewt wahedha jew flimkien ma' kawża sopraġġunta u indipendenti mill-att ta' l-awtur tad-delitt. Jiġifieri taht l-artikolu 220 (2) tal-Kodiċi Kriminali dak li wiehed irid ihares lejh l-ewwel huwa l-kawża tal-mewt u jekk f'dan l-eżami jirriżulta li kien hemm kawża aċċidentali sopraġġunta li kkontribwiet ghaliha, anzi kkawżat il-mewt flimkien mal-ferita inflitta, wiehed irid jara din tissodisfax il-vot l-iehor tal-liġi ċjoè li trid tkun indipendenti mill-att kommess;

Inoltre, fl-istess subartikolu (2) ta' l-artikolu 220, il-liġi ma tghidx "in-natura u *l-konsegwenzi naturali ta' l-offiża*" *iżda* tuża l-kelma "jew". Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jaghmel

differenza u hu importanti li jiġi nnotat billi jirriżulta mill-indirizz ta' l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri li saret enfasi fuq x'kien jiġri kieku ma kienx hemm l-intervent tat-tobba/kirurgi, ċjoè kinitx tiġri l-mewt mingħajr l-intervent tagħhom;

F'dan l-isfond, din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li jiġu riprodotti l-brani l-oħra rilevanti mill-indirizz ta' l-*Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri biex tiftiehem aħjar il-*konklużjoni li ser tiġi raġġunta. Partijiet minn dan l-indirizz ser jiġu sottolineati minn din il-Qorti biex jidher li qed issir enfasi fuqhom;

Jirriżulta illi qabel ma l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri qal il-kliem ġa' riprodott supra huwa indirizza lill-ġurati kif ġej:

"U tridu taraw allura, jekk saritx din l-offiża gravi, fuq il-persuna ta' l-Għarbi, u jekk min ikkaġunaha - din l-offiża - taraw jekk din l-offiża, ikkaġunahiex l-akkużat, għax jekk għandkom dubbju jekk kienx l-akkużat, allura tieqfu hawn, *imma jekk ikkaġunaha l-akkużat, jekk jidhrilkom, jekk intom* moralment konvinti illi dik l-offiża kkaġunaha l-akkużat, tridu taraw jekk kellu l-intenzjoni - l-intenzjoni, mhux illi joqtol, mhux illi jpoġġi l-ħajja f'perikolu ċar, għax dik issa ssorvolajniha u sibtu li ma hemmx, imma tridu taraw jekk kemm-il darba kellux l-intenzjoni li jweġġgħu illi b'xi mod iweġġgħu - Mhux l-intenzjoni li jweġġgħu gravement, mhux l-intenzjoni li jweġġgħu hemm jew li jweġġgħu hemm, l-intenzjoni ġenerika illi jagħmillu l-ħsara. Tridu taraw illi jekk *bħala fatt dik l-offiża għamilhiex l-akkużat* u jekk għaliex f'dak il-mument, li għamilha kellux l-intenzjoni li jweġġgħu;

U tridu taraw ukoll jekk dik l-offiża fuq il-persuna ġratx il-*mewt minħabba biss minħabba n-natura jew il-konsegwenzi*

naturali ta' l-offiża, araw jekk il-mewt - l-ewwel ħaġa jekk l-offiża għamilhiex l-akkużat, araw għamilhiex bl-intenzjoni illi jweġġgħu u jekk intom moralment konvinti illi għamilha hu, fil-mument li kellu l-intenzjoni li jweġġgħu araw jekk il-mewt ġratx minħabba biss, in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' dik l-offiża, bħala konsegwenza naturali ta' dik l-offiża. Intom smajtu l-provi. Araw intom, eżaminaw il-provi, eżaminaw x'qalu t-tobba, eżaminaw x'qalu l-esperti u ġġudikaw intom;

Jekk intom taslu f'konklużjoni, illi kien hemm l-offiża ta' ferita gravi kaġunata mill-akkużat fuq il-persuna, illi minħabba fiha ġrat il-mewt. Minħabba fiha biss, allura tridu taraw jekk il-mewt ġratx ukoll minħabba kawża aċċidentali li nqalgħet wara u mhux biss minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża.

Din il-kawża tal-mewt - il-kawża aċċidentali tridu taraw jekk hemmx kawża aċċidentali li nqalgħet wara - kawża aċċidentali li nqalgħet wara - trid tkun ġrat, irid ikun ġara xi ħaġa wara l-att ta' l-offiża - ejja nieħu li l-att li bih saret l-offiża kien daqqa ta' mus - allura biex tkun kawża aċċidentali li nqalgħet wara trid tkun ħaġa li ġrat wara u mhux qabel;

Per eżempju jekk wieħed ta din id-daqqa ta' mus lil persuna, imma din il-persuna kellha saħħitha debboli, u kieku kienet b'saħħitha kienet tirpilja, imma minħaba li kienet debboli dina mietet. Dika m'hemmx kawża aċċidentali li ġrat wara għax iċ-ċirkostanza minħabba d-debbolizza tal-bniedem kienet qabel id-daqqa tal-mus;

Mela trid tkun ġrat wara din iċ-ċirkostanza, u tkun aċċidentali - jiġifieri indipendenti mill-att ta' l-akkużat, indipendenti mid-daqqa tas-sikkina, tal-mus - illi ma kellhiex x'taqsam ma' dik id-daqqa tal-mus - jiġifieri, tkun tikkonsisti

din iċ-ċirkostanza, minn fatt, minn fatt posittiv, li jipproduċi l-mewt, li jipproduċi l-mwt, li l-offiża waħedha ma kinitx tipproduċi. Dika hija l-versjoni li qed naghtikom jiena, id-direzzjoni li qed naghtikom jiena kontra dak li qaltilkom id-difiża;

Imbagħad hemm il-paragrafu li din il-Qorti diġa' rriproduċiet supra. Immedjatament wara l-indirizz ikompli kif ġej:

"Ġie allegat f'din il-kawża illi fl-awtopsja ġie misjub tiċrita fil-vena cava, li ma kinitx ġiet misjuba qabel u li minnha ħareġ demm torrenzjali - araw l-ewwel nett jekk Shahati kienx imut mingħajr l-intervent tat-tobba għaliex jekk mingħajr l-intervent tat-tobba kien imut allura ma hemmx lok li tfittex għal kawża aċċidentali. Jekk ma kienx imut araw jekk din it-tielet tiċrita kinitx ġiet ikkawżata bid-daqqa tal-mus jew le. Araw x'jgħidu l-esperti u ddeċidu intom rigward dawn il-fatti;

Jekk intom allura ma ssibux l-akkużat ħati ta' omiċidju volontarju, jekk intom konvinti moralment li kkawża offiża gravi segwita bil-mewt, allura l-verdett tagħkom ikun ħati iżda li bħala persuna li għalqet l-eta' ta' erbatax-il sena, iżda mhux it-tmintax-il sena, ikkaġuna ferita gravi segwita bil-mewt. U jekk issibu li hemm il-kawża aċċidentali - iżżidu b'dan li l-mewt ġrat minħabba kawża aċċidentali li nqalgħet wara u mhux biss minħabba n-natura jekk il-konsegwenzi naturali ta' l-offiża";

F'dan l-isfond l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha din il-Qorti hija li l-esposizzjoni tal-liġi in materja ta' *concausa* kif tirriżulta mit-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri tirrispekkja l-posizzjoni legali kif kienet taħt il-*Codice Zanardelli* ta' l-Italja, iżda li hi però kompletament differenti minn dik Maltija kif toħroġ mill-

artikolu 220 (2) tal-Kodiċi Kriminali. Din id-differenza fil-fehma ta' din il-Qorti hija waħda sostanzjali billi filwaqt li taħt il-liġi l-antika Taljana, il-benefiċċju tal-*concausa* kien jingħata biss jekk ikun jirriżulta li l-mewt ma kinitx tissuċċiedi kieku ma kienx għal fatt sopraġġunt u allura l-akkużat ma kienx ikun intitolat għal dan il-benfiċju jekk il-mewt kienet tissuċċidi l-istess bħala riżultat tal-ferita kkawżata, taħt il-liġi tagħna s-sitwazzjoni hija ben diversa. Taħt il-liġi tagħna fejn jirriżulta illi l-mewt ġrat bħala riżultat kemm tal-ferita kif ukoll tal-fatt sopraġġunt (salv l-elementi l-oħra ġa' msemmija), l-akkużat ikun intitolat għall-benefiċċju tal-*concausa*. Jiġifieri, dak li hu importanti taħt il-liġi tagħna mhux il-fatt jekk il-ferita inflitta kinitx iġġib il-mewt waħedha u jekk din il-mewt kinitx tikkawżaha mingħajr l-intervent tal-kirurgi, iżda jekk effettivament il-mewt ġiet ikkawżata mhux biss bħala riżultat tal-ferita inflitta iżda ukoll minn event soppraġġunt aċċidentali u indipendenti. Minn dan jemerġi illi d-direzzjoni mogħtija lill-ġurati fil-kors ta' l-indirizz kif spjegat aktar 'il fuq ma tikkorrispondix mal-posizzjoni legali korretta li toħroġ mill-artikolu 220 (2) tal-Kodiċi Kriminali;

Ikkunsidrat:

L-appellant għandu aggravju ieħor rigwardanti allegata applikazzjoni żbaljata tal-liġi da parti ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri li skond hu seta' kellha influwenza negattiva fuq il-verdett tal-ġurati;

F'dan il-kuntest l-appellant jissottometti illi huwa kien ipprospetta s-segwenti reati in linea difensjonali f'din l-ordni:

Omiċidju volontarju;

Ferita gravi segwita bil-mewt;

Ferita gravi segwieta bil-mewt - "konkawża";

Omiċidju involontarju;

Omiċidju in rissa;

Omiċidju in rissa inkluż il-proviso ta' l-artikolu 237;

L-appellant jissottometti illi l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri meta ġie biex jispjega l-liġi dwar kull reat minn dawn fuq imsemmija ma żammx l-istess ordni prospettata. Di piu`, jidher fl-istess indirizz li l-ispjegazzjoni ta' ċerti reati ma ngħatatx bl-istess enfasi daqs oħrajn. Mhux l-istess jista' jingħad għall-ispjegazzjoni li ngħatat dwar l-omiċidju volontarju partikolarment l-intenzjoni li tpoġġi l-ħajja f'periklu ċar. Dawn il-fatturi taw aktar enfasi għar-reati l-oħra konnessi u involuti. Fil-fehma ta' l-appellant dan seta' serva biss biex il-ġurija ma tifhimx sewwa l-portata tar-reati l-oħra, partikolarment l-omiċidju in rissa;

Din il-Qorti sempliċement ma taqbilx ma' dan l-aggravju li ġie ssolevat f'appelli oħra u rriġettat għar-raġunijiet segwenti:

Għaliex fiha nfisha s-sistema adoperat mill-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri ma fih xejn ċensurabbil purche' l-ipotesijiet prospettati lill-ġurati jkunu korretti u ma jkunux jammontaw għal invit biex jaslu f'konklużjoni partikolari u mhux f'oħra;

Għaliex f'dan il-każ partikolari, verament l-ipotesijiet kienu ħafna u dak li għamel l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri ma setax ma kienx utili biex il-ġurati jifhmu sew liema kienu l-ipotesijiet kollha;

L-Onorevoli Mhallef li ppresjeda l-ġuri għamilha ċara *lill-ġurati* f'aktar minn okkażjoni waħda li l-ordni li fih kienu indikati d-diversi verdetti possibbli ma kellu ebda sinifikat li verdett wieħed kien qed jingħata minnu jew kellu jingħata minnhom aktar importanza mill-ieħor;

Inoltre jiġi rrilevat illi huwa kontro-indikat li kull possibbilità prospettata mid-difiża tiġi mogħtija l-istess importanza mill-Imħallef fil-kors ta' l-indirizz tiegħu. Huwa evidenti li kull każ ikollu l-fattispeċji tiegħu u li ċerti konsiderazzjoni jew sottomissjonijiet ikunu jimmeritaw aktar attenzjoni minn oħrajn. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li kienet qalet fis-sentenza tagħha *sup cit* **in re Pullicino** dwar id-doveri ta' l-Imħallef li jippresjedi l-ġuri fil-funzjoni tiegħu li jindirizza lill-ġurati:

"... din il-Qorti tara li minħabba li issa dieħla fil-parti rigwardanti allegati *misdirections* mill-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri, huwa opportun ħafna jiġi riprodott hawn dak li qal Lord Alverstone C.J. in re **R.** *vs* **Stoddart** (1909) 2 Cr. App. R. 217 u li jirrispekkja ukoll il-mod kif tħares lejn il-problema tal-*misdirections* din il-Qorti";

*"Probably no summing up, and certainly none that attempts to deal with the incidents as to which the evidence has extended over a period of twenty days would fail to be open to some objection ... Every summing up must be regarded in the light of the conduct of the trial and the questions which have been raised by the counsel for the prosecution and for the defence respectively. This court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be*

*introduced. This court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice*";

Fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) il-funzjoni ta' l-Imħallef fil-ġuri fl-istadju ta' l-indirizz, hija li jfisser lill-ġuri x-xorta u l-elementi tar-reat miġjub fl-Att ta' l-Akkuża, kif ukoll kull punt ieħor tal-liġi li f'dak il-każ partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-ġuri u li jiġbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu meħtieġ, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, ifisser lill-ġuri s-setgħat li għandu fil-każ partikolari u jagħmel kull osservazzjoni oħra li tiswa biex treġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu;

Huwa evidenti illi dak li huwa l-aktar importanti f'dak li jiddisponi dan l-artikolu f'dan ir-rigward huwa l-prinċipju bażilari ta' ekwità u ġustizzja li għandu jirregola l-materja ta' l-indirizz u del resto tal-proċess kriminali kollu kemm hu, u ċjoè, li l-ġurati għandhom jitpoġġew fl-aħjar posizzjoni possibbli, kemm għal dik li hi liġi, kif ukoll għal dawk li huma fatti, biex ikunu jistgħu jaslu għal verdett b'serenità u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfużjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilanċjat b'mod li l-ġurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illu huwa l-istess Imħallef li huwa bilanċjat fir-rigward tal-ħtija o meno ta' l-akkużat u li ma jkunx wera preferenza jew aktar importanza lejn naħa jew oħra. Huwa utili jiġi riportat hawn dak li qal Lord Hailsham L.C. in re **R.** *vs* **Lawrence** (1981) 73 Cr. App. R. 1,5) f'dan ir-rigward:

"*It has been said before but obviously requires to be said again. The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law*

*affected by the case. The search for universally applicable definitions is often productive of more obscurity than light. A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case. Of course it must include references to the burden of proof and the respective roles of jury and judge. But it should also include a succinct but accurate summary of the issues of fact as to which a decision is required, a correct but concise summary of the evidence and arguments on both sides and a correct statement of the inferences which the jury are entitled to draw from their particular conclusions about the primary facts ...*";

Fil-każ in diżamina, din il-Qorti ma tarax li *jista' jingħad li* fil-kors ta' l-indirizz tiegħu, l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri naqas li jkun essenzjalment ġust mat-teżi tad-difiża fis-sens ta' l-aggravju propost minnha, dana billi jirriżulta abbundantement mill-istess indirizz illi t-teżijiet kollha tad-difiża tpoġġew quddiem il-ġurati b'dan illi kwantu jirrigwarda l-aspett legali tal-*concausa*, l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri mingħajr dubbju ta' xejn qalilhom illi l-ispjegazzjoni legali li kienet tat id-difiża kienet erronea u li t-tajba kienet dik li kienet għadha kemm spjegata lilhom minnu - affermazzjoni, li fiha, kif issa ġie spjegat minn din il-Qorti, l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri ma kellux raġun għalkemm dan m'għandux rilevanza għall-fini ta' dan l-aggravju;

Għalhekk, dan l-aggravju qed jiġi rriġettat;

Stabbilit dan kollu għalhekk jidher li l-appellant għandu raġun fi tnejn mis-sottomissjonijiet tiegħu ġa' ttrattati, fis-sens illi jirriżulta li fil-kors tal-ġuri kien hemm irregolarità fil-proċeduri billi tħalliet tinġieb quddiem il-ġurati prova li ma

jmisshiex inġiebet u inoltre illi fl-indirizz kien hemm *misdirection* fuq punt ta' liġi. Jinkombi issa għalhekk fuq din il-Qorti l-kompitu xejn faċli li tevalwa l-effetti ta' dawn in-nuqqasijiet u partikolarment humiex ta' tali portata li għandhom jiġu ritenuti li jikkompromettu l-proċess irrimedjabbilment;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn però, jiġi ssenjalat illi għalkemm il-liġi tagħna fl-artikolu 501 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) tuża l-kliem "irregolarità tul il-kawża", din l-irregolarità trid tkun waħda materjali u ċjoè ta' ċerta portata. Dan jemerġi mill-kliem l-ieħor li l-istess artikolu juża u ċjoè "li seta' kellha influwenza fuq il-verdett". Din hi ukoll il-posizzjoni kif tirriżulta mill-ġurisprudenza - vide sentenzi ta' din il-Qorti in re **Regina *vs* Joseph Debattista** - 14.9.1973, **Regina *vs* Anthony Degiorgio** - 28.12.1971, **Regina *vs* Anthony Said** - 6.6.77, **Regina *vs* R. Fenech de Fremaux** - 15.7.74, **Regina *vs* E. Vella**, 13.8.1969 u oħrajn minn fejn jidher ċar li l-qrati tagħna dejjem ħadu l-linja li l-irregolarità lamentata trid tkun waħda materjali biex tassal għat-tħassir tal-verdett;

Għalhekk din il-Qorti għandha kompitu diffiċli x'tesegwixxi u ċjoè trid tiddeċidi jekk fit-termini tal-proviso ta' l-artikolu 501 (1) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), una volta stabbilit diġa' li kien hemm xi irregolaritajiet matul il-kawża, saritx bħala konsegwenza tagħhom amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja, ċjoè kienx hemm *miscarriage of justice*;

Kif din il-Qorti kellha opportunità tindika fis-sentenza tagħha in re **Ir-Repubblika *vs* Dr. L. Pullicino** (15.04.94) dan il-proviso, gie introdott fl-artikolu msemmi bl-Att XXVII ta' l-1975. Mill-minuti tad-dibattitu parlamentari fis-seduta numru 405 tas-16 ta' April, jidher ċar li l-idea wara l-introduzzjoni ta'

dan il-proviso kienet proprju intiża biex il-liġi tagħna tkun identika kemm jista' jkun għal dik Ingliża in materja.

F'dan l-eżerċizzju t-test huwa jekk effettivament jistax jingħad li nonstante l-mankanza jew mankanzi li jirriżultaw li saru fil-kors tal-ġuri, hemmx b'dana kollu każ qawwi biżżejjed kontra l-appellant biex ġurija raġonevoli, proprjament diretta, kienet xorta waħda tasal għad-dikjarazzjoni ta' ħtija (*vide* f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Awissu, 1978 in re **Ir-Repubblika *vs* Jeannette Brincat**);

Essenzjalment, għalhekk, fil-verità hemm konverġenza bejn dan l-aspett ta' *miscarriage of justice* u dak ta' jekk l-appellant ġiex misjub ħati ħażin fuq il-fatti tal-kawża li kif ingħad fil-parti inizjali ta' din is-sentenza huwa ukoll wieħed mill-aggravji ta' l-appell;

L-istess jingħad fir-rigward ta' *misdirections* li jistgħu jirriżultaw li jkunu saru fil-kors ta' ġuri;

*Kif jispjega* l-Archbold, op. cit. para. 7 - 46: "*In many decisions of the Court of Appeal the issues of whether a conviction is safe and satisfactory and whether there may have been a miscarriage of justice have merged with each other. The correct approach, it is submitted, is that of Viscount Dilhorne in* ***Stafford vs D.P.C.*** *(1973) 3 W.L.R. 719, 725. H.L.: once the conviction has been held to be unsafe or unsatifactory there can be no question of holding that there has been no miscarriage of justice. However, in considering, the most common ground of appeal at all, namely some form of misdirection, a ground of appeal which comes within paragraph (a), there are now well settled principles as to when the proviso should be applied. It is not necessary that the Court of Appeal should be satisfied that no jury properly directed could have acquitted the appellant;*

*the proviso may be applied if the Court of Appeal is satisfied that, on the whole of the facts and with a correct direction, the only reasonable and proper verdict would have been one of guilty:* ***R. vs Haddy*** *(1944) 29 Cr. App. R. 182 C.C.A. This test was adopted by the House of Lords in* ***Stirland vs D.P.P.*** *(1944) 30 Cr. App. R. 40 and has been applied by the Court of Appeal in many subsequent decisions*";

Kwantu jirrigwarda irregolaritajiet fil-kors tal-kawża l-Archbold fl-istess kuntest jikkwota lil Lord Widgery C.J. in re **R. vs Pilcher and other** (1974) 60 Cr. App. R. I u ċjoè "*the same point has been made in different language over and over again ... the court must not apply the proviso unless it is quite clear that in the absence of the irregularity the consequence of the case would have been the same*";

Dan stabbilit, din il-Qorti għalhekk ser tgħaddi biex proprju tapplika t-test imsemmi biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja u dan l-eżerċizzju sejra tagħmlu billi fl-ewwel lok teżamina x'effett seta' kellhom iż-żewġ irregolaritajiet imsemmija u mbagħad tgħaddi biex tara jekk, nonostante dawn l-irregolaritajiet, hemmx każ qawwi biżżejjed kontra l-appellant biex ġurija raġonevoli, proprjament diretta, kienet xorta waħda tasal għad-dikjarazzjoni ta' ħtija;

F'dan ir-rigward is-sottomissjoni ta' l-appellant hija illi ebda ġurija raġonevoli b'direzzjoni korretta ta' l-Imħallef ma kellha qatt tasal għal konklużjoni ta' ħtija li effettivament waslet għaliha;

F'dan ir-rigward is-sottomissjonijiet tiegħu huma s-segwenti:

Brevement huwa jissottometti illi mill-provi prodotti mill-

prosekuzzjoni l-ġurija ma setgħetx leġittimament u raġonevolment tasal għall-verdett ta' ħtija ta' omiċidju volontarju;

Iktar fid-dettal huwa jissottometti s-segwenti argumenti in sostenn ta' dan l-aggravju tiegħu:

Rigward l-inċidenti li ġraw fl-Eden Bowl u barra jirriżulta mill-provi illi hu ma kellu xejn x'jaqsam magħhom;

Kwantu għall-inċident proprju li fih safa ferut Shahati, mill-provi jirriżulta li f'dan l-inċident kien hemm involuti diversi persuni fosthom ċertu Joe Borg li kien taħt l-influwenza tad-droga;

Skond l-appellant ma hemmx prova diretta jew indiretta illi kien huwa li ta daqqa ta' mus lil xi Shahati, hemm prova lampanti li kien hemm tgeġwiġija sħiħa u li kull wieħed mill-parteċipanti fil-ġlieda kellu interess li jaħbi l-fatt li seta' kien hu li ta d-daqqa tal-mus;

Inoltre huwa jissottometti li Joe Borg kien fi stat li ma kienx jaf x'kien qed jagħmel dak il-ħin u jixhed li ma jweġbx *jekk kellux mus fuqu jew le dak in-nhar*;

Fir-rigward tal-fatti li ġraw wara l-inċident, l-appellant jissottometti, li l-fatt illi huwa aktar tard fl-istess serata u anke l-għada stess baqa jiġġerra bl-istess mus fuq persuntu huwa indikattiv illi fl-ebda ħin ma għaddielu minn moħħu illi huwa kien jew seta' jiġi identifikat bħala l-awtur ta' dan id-delitt;

Fir-rigward tal-mus li nstab fuqu, l-appellant jagħmel referenza għal xi xhieda partikolarment bħal dik ta' l-espert

kirurgu Mr. Swain, li skond hu, hija indikattiva li l-*istab wound* ma setghet qatt tiġi kkawzata mill-arma li nstabet fuqu;

Imkien mill-provi ma jirriżulta, anqas mill-istess *statement* illi huwa volontarjament irrilaxxa lill-pulizija, illi kien l-appellant illi ta daqqa ta' mus lil Shahati;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-fattispeċji u sottomissjonijiet jidher, anzi jirriżulta li ġew esposti lill-ġurati mid-difiża u fl-indirizz jidher ċar li l-istess ġurati tħallew fl-ikbar liberta' li jivvalutaw il-provi biex jippruvaw jaslu għall-verdett tagħhom. Jiġifieri, għalkemm, s'intendi l-verdett ma jispeċifikax x'kienu l-konsiderazzjonijiet tas-sitt ġurati li rritornaw verdett ta' ħtija, huwa ovvju li huma ma emmnux il-versjoni ta' l-akkużat li ma kienx hu li ta d-daqqa tal-mus. Inoltre wieħed jiddeżumi ukoll li waslu għall-konklużjoni li d-daqqa tal-mus l-akkużat ivvibraha bl-intenzjoni speċifika li jneħħi l-ħajja ta' Shahati jew li jpoġġilu ħajtu f'perikolu manifest;

Issa kemm seta' ġie influwenzat dan il-verdett bl-irregolarità u *misdirection* fuq imsemmija u li ġa' ġew stabbiliti? Dan l-eżami din il-Qorti ser tipprova tagħmlu billi teħodhom wieħed, wieħed;

Kwantu jirrigwarda l-irregolarità konsistenti fil-fatt li nqara u ġie mess a disposizzjoni tal-ġurati t-test intier tal-*proces verbal*, din il-Qorti tara li l-effett prattiku ta' din l-irregolarità kienet li l-ġurati saru jafu li Maġistrat, li *a tempo vergine* investiga l-każ u li kellu l-opportunità li jisma' l-persuni kollha involuti fl-inċident, fosthom l-istess akkużat (dak in-nhar sempliċement indizjat), qabel ma kien hemm żmien biex jiġri xi inkwinament tal-provi, wasal għall-konklużjoni illi l-akkużat

kien qed jigdeb, mentri x-xhieda l-oħra, li b'mod jew ieħor kienu ftit jew wisq jippuntaw subajhom lejh, kienu qalu l-verità. Dana l-fatt ġie a konoxxenza tal-ġurati f'proċess kriminali li hu primarjament ikkaratterizzat mill-fatt li l-istess Imħallef li *jippresjedih hu stess prekluż milli jitfa'* xi ombra fuq il-veraċità jew ir-responsabbilità ta' l-akkużat. Iktar minn hekk, però, jirriżulta li dan in-nuqqas avvera ruħu proprju fil-bidu tal-ġuri, bil-konsegwenza inevitabbli li qabel ma biss kienu bdew il-provi fuq il-każ, diġa' kien hemm indikazzjoni lill-ġurati ġejja minn xejn inqas minn Maġistrat li l-akkużat sa minn żmien l-inċident kien ipprova jiskolpa ruħu bil-gideb, ma kienx jimmerita li jitwemmen u dan għaliex kien hemm diversi xhieda li diversament xehdu kontrih u kienu attendibbli u fil-fatt hu (il-Maġistrat) kien emmen lilhom u mhux lill-akkużat! Fil-fatt dan hu l-effett prattiku u reali tal-kontenut tal-*proces verbal* li ġustament saret oġġezzjoni għalih. Dak li ġara, fil-fehma ta' din il-Qorti, jikkostitwixxi nuqqas materjali, kemm min-naħa tal-Maġistrat, li kellu jevita jinserixxi dak li ntqal fil-*proces verbal* tiegħu li għada pitgħada kien ser jintuża bħala prova, kif ukoll min-naħa ta' l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri li ammetta fl-intier tiegħu l-*proces verbal* msemmi u anke iddekreta b'mod li sar possibbli li l-ġurati jkollhom a disposizzjoni tagħhom kopja ta' l-istess mingħajr qtugħ. Jiżdied fl-aħħarnett, illi l-fatt li l-istess Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri, fl-indirizz tiegħu insista mal-ġurati li kellhom iwarrbu dak li l-Maġistrat kien qal fil-*proces verbal* dwar li kien jirriżultalu għax dak li kien importanti kien dak li jirriżulta lilhom u mhux lill-Maġistrat, ma jsalvax is-sitwazzjoni. Bħal ma jsalvax is-sitwazzjoni l-fatt li fl-istess indirizz qalilhom ukoll li l-*proces verbal* ma jagħmilx prova ta' min hu ħati. Il-punt kruċjali ma kienx jekk il-*proces verbal* jagħmilx prova ta' min hu ħati jew jekk l-imħallfin tal-fatt kinux il-ġurati jew il-Maġistrat, iżda li ma setax jonqos illi, appena rivelat il-fatt li l-Maġistrat Inkwirenti kien deherlu li l-akkużat ma kellux jitwemmen waqt li min kien qed jipponta lejh kien affidabbli, dan ma setax ma

jikkondizzjonax lill-ġurati mill-bidunett tal-proċess, meta l-istess persuni li l-Maġistrat għadda ġudizzju fuqhom bil-mod imsemmi kienu għad iridu jixhdu u mbagħad, meta xehdu, taw versjoni differenti minn dik li kienu taw quddiem il-Maġistrat. Il-prinċipju li l-akkużat huwa preżunt innoċenti sakemm misjub ħati, huwa tant bażilari fis-sistema tagħna, li għandu jkun ċar biżżejjed, li ebda akkużat fil-proċess kriminali m'għandu jitpoġġa fis-sitwazzjoni li jibda l-proċess tiegħu b'ċertifikat ta' giddieb maħruġ fil-konfront tiegħu minn Maġistrat u ċertifikat ieħor li l-versjoni li taw lill-istess Maġistrat ċerti xhieda li fil-ġuri kien għad iridu jinstemgħu kienet tali li hu deherlu li kienet tikkostitwixxi l-verità bir-riżultat li jekk dawn fil-ġuri jixhdu l-oppost wieħed għandu dak iċ-ċertifikat tal-Maġistrat bħala bażi biex ma jemminhomx. Nuqqasijiet bħal dawn ma jissewwewx billi l-ġurati jiġu indirizzati biex jiskartaw dak li qatt ma kellhom jisimgħu iżda li jkunu semgħu;

Kwantu jirrigwarda l-*misdirection*, l-effetti jridu essenzjalment jiġu vvalutati fl-isfond tal-provi li nġiebu fil-kors tal-ġuri fir-rigward tan-natura ta' l-offiża subita minn Shahati u x'ġara jew seta' ġara fl-Isptar San Luqa;

M'hemmx dubbju li kien hemm prova tista' tgħid assoluta illi l-ferita li ġiet inflitta fuq Shahati kienet tali illi mingħajr attenzjoni medika kienet twassal għall-mewt. Dan il-fatt sempliċment ma setax ma kienx ċar f'moħħ il-ġurati għax fil-fatt ġie ripetut aktar minn darba. Isegwi għalhekk illi meta l-Onorevoli Mħallef li ppresjeda l-ġuri qal lill-ġurati li jekk kienu sodisfatti li mingħajr l-intervent tat-tobba l-feriti subiti minn Shahati kienu minnhom infushom jew bħala konsegwenza naturali iwasslu għall-mewt, huma ma kellhomx jikkunsidraw il-possibbilità tal-*concausa*, kien prattikament qed jinvitahom biex jiskartaw mill-ewwel il-minoranti tal-kawża aċċidentali sopraġġunta li kif ġie korrettement spjegat lilhom setgħet tkun marbuta biss mad-delitt ta' offiża gravi segwita bil-mewt u

mhux ma' l-akkuża ta' l-omiċidju. Fi kliem ieħor, jekk konvinti mill-fatt li l-offiża, mingħajr l-intervent tat-tobba, kienet twassal għall-mewt, kif ma setgħux ma jkunux konvinti, il-ġurati anke jekk kienu ser jeskludu l-omiċidju volontarju u jmorru fuq l-offiża gravi segwita bil-mewt kienu qed jiġu indirizzati b'mod biex jeskludu l-minoranti tal-*concausa*. Il-preokkupazzjoni ta' din il-Qorti, però, hija jekk l-invit ta' l-Imħallef biex jiskartaw il-*concausa* fl-eventwalità imsemmija setgħax ġie mifhum mill-ġurati fis-sens li ma kienx il-każ li jeżaminaw il-possibbilità ta' l-offiża gravi segwita bil-mewt. Inoltre, dan kollu ġara fi proċess fejn x'ġara eżattament fl-Isptar San Luqa u partikolarment x'seta' wassal għat-tiċrita fil-vena cava fil-kavità toraċika mhux magħruf kif anqas mhu ċar għala, jekk din il-ferita tirrisali għall-inċident li fih safa ferut Shahati, ma ġietx ikkonstatata sa l-ewwel intervent kirurġiku li sar fuqu. Inoltre għal din it-tiċrita interna ma tikkorrispondi ebda ferita esterna u jekk kienet ġiet ikkawżata fl-istess ħin tal-ferita l-oħra li kienet viżibbli, ma hemmx raġuni għax ma wasslitx hi ukoll għal emorraġija fil-kavità toraċika. Ciononostante, meta ddaħħal l-Isptar, kien hemm effużjoni qawwija ta' demm fil-kavità abdominali iżda ma ġiet ikkonstatata ebda emoraġġija f'dik toraċika. Mhux hekk biss, jidher li l-eżistenza ta' din it-tieni tiċrita anqas biss ġiet rilevata fl-awtopsja għakemm jidher ċar mill-provi li dak in-nhar li miet Shahati l-emerġenza kienet proprju kkawżata minn din it-tieni tiċrita li ma kinitx ġiet ikkonstatata qabel u mhux mill-ewwel waħda li kienet ġiet suturata u ma kinitx għadha tnixxi demm b'mod li joħloq preokkupazzjoni;

Ikkonsidrat kollox, din il-Qorti hija tal-fehma illi din il-*misdirection* kienet materjali biss jekk il-ġurati kienu ser jeliminaw l-akkuża ta' l-omiċidju volontarju u/jew eżaminaw l-akkuża minuri u involuta ta' l-offiża gravi segwita bil-mewt. Jiġifieri din il-Qorti ma tarax li bil-*misdirection* imsemmija l-ġurati setgħu ġew indotti jiskartaw it-teżi ta' l-offiża gravi

segwita bil-mewt u jikkonċentraw fuq l-omiċidju volontarju filwaqt illi billi jidher li huma ssoffermaw ruħhom fuq l-omiċidju volontarju l-*misdirection* ma setgħetx kellha effett fuq il-verdett minnhom milħuq;

Il-posizzjoni li temerġi għalhekk hija s-segwenti:

L-irregolarità li saret dwar il-*proces verbal* kienet waħda materjali li, mhux biss seta' kellha effett fuq il-verdett, iżda li din il-Qorti, taħt ebda ċirkostanza mhi pronta tirritjeni li seta' ma kellhiex tali effett. Fil-fehma tagħha, din l-inġerenza minnha nfisha, ikkondizzjonat moħħ il-ġurati mill-bidunett u immenomat serjament ir-rażjoċinju tagħhom u għalhekk il-possibbilità li verament jgħaddu ġudizzju ġust fuq l-akkużat. Għalhekk, għandha piż kbir fl-eżerċizzju li jrid isir biex jiġi stabbilit kienx hemm *miscarriage of justice*;

L-irregolarità l-oħra, konsistenti fil-*misdirection* imsemmija, għar-raġunijiet indikati, ma setgħet qatt, fiċ-ċirkostanzi attwali ta' dak li ġara, twassal għal *miscarriage of justice*;

Imiss jiġi deċiż jekk hux il-każ li jiġi applikat il-proviso msemmi ta' l-artikolu 501 (1) tal-Kodiċi Kriminali, ċjoè, jekk din il-Qorti tħossx li bl-irregolarità msemmija saret amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja (*miscarriage of justice*). Fil-fatt dan l-eżerċizzju huwa fakoltattiv, fis-sens li jista' jkun hemm ċirkostanzi tant ovvji ta' *miscarriage of justice* li jkun superfluwu li l-Qorti tara għandhiex tapplika l-proviso - (*vide* fir-rigward l-Archbold, op. cit. 7-46). Fil-fehma tagħha, dan il-każ faċilment jista' jikkwalifika bħala wieħed minn dawn il-każi għax, kif ingħad, l-irregolarità kienet waħda li tinkwina l-proċess kollu ta' rażjoċinju. Però din il-Qorti tħossha aktar serena illi taddotta xorta waħda t-test imsemmi, ċjoè tara jekk il-

ġurati kinux inevitabbilment jaslu għall-istess verdett kieku ma saritx dik l-irregolarità;

Ikkonsidrati l-fatti kollha kif irriżultaw fil-kors tal-ġuri u eskluż dak li ma kienx ammissibbli, il-konklużjoni li tasal għaliha din il-Qorti hija li mill-provi kif hekk jirriżultaw, ma kienx hemm biżżejjed biex ġurija ta' intelliġenza normali tasal b'konvinzjoni morali għall-konklużjoni ta' ħtija ta' omiċidju volontarju u li l-unika konklużjoni ta' ħtija li *se mai* setgħet tasal għaliha kienet dik ikkontemplata fl-artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali, ċjoè, dik talli l-akkużat ħa parti attiva kontra persuna li sfat maqtula fi ġlieda aċċidentali. Il-provi jindikaw li l-akkużat ħa parti attiva fil-ġlieda li eventwalment fiha spiċċa ferut fatalment Shahati. Hemm provi li waqt parti mill-inċident hu kien qed iġorr mus, iżda l-provi mhux konklussivi in kwantu jirrigwarda kienx hu li vvibra l-kolp jew jekk setax kien hemm ħaddieħor responsabbli billi hemm x'jindika li seta' kien hemm ħaddieħor ukoll li kien qed iġorr mus waqt l-inċident;

Kwantu jirrigwarda t-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, il-posizzjoni hija illi billi l-akkużat ser jinstab ħati tar-reat ikkontemplat taħt l-artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali u m'hemmx dubbju illi huwa kien ukoll qed iġorr mus waqt li kienet qed tavvera ruħha l-ġlieda li fiha ġie ferut fatalment Shahati u billi r-reat ikkontemplat taħt l-artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali huwa delitt kontra l-persuna, allura ssegwi ukoll ħtija taħt dan it-tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża;

M'hemmx dubbju ukoll li kwalunkwe ġurija kienet tasal ukoll għall-ħtija ta' l-akkużat taħt it-tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża;

M'hemm dubbju ukoll li taħt it-tliet Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuża l-akkużat seta' biss jinstab ħati li kkommetta l-istess

reati meta kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax-il sena ghalkemm kien ghalaq l-eta' ta' erbatax-il sena;

Stabbilit dan kollu, din il-Qorti ser tghaddi ghall-piena. Din ser tiġi applikata fit-termini ta' dak li jistabbilixxu l-artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 13 u 26 tal-Kap. 66 u l-artikolu 17 (b) u 31 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkalkolata l-piena skond l-artikoli msemmija ma jidhirx li din tista' taqbeż it-tmintax-il xahar priġunerija peress li l-appellant irid jibbenefika mill-fattur ta' l-eta' li jirregola l-Kodiċi Kriminali;

Ghal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata kif ġej u ċjoè billi fl-ewwel lok in kwantù l-appell huwa dirett ghas-sejbien ta' ħtija u piena relattiva taħt l-ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża tħassar il-verdett tal-ġurati dwar dan l-ewwel Kap u s-sejbien ta' ħtija u kundanna fis-sentenza appellata u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 502 tal-Kodiċi Kriminali tissostitwixxi ghall-istess verdett dikjarazzjoni ta' ħtija taħt l-artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali minghajr il-proviso ta' l-istess. Tiddisponi ukoll billi tiċħad l-appell in kwantu dirett lejn iż-żewġ Kapi l-oħra ta' l-Att ta' l-Akkuża. Tirriforma ukoll is-sentenza appellata kwantu jirrigwarda piena billi bl-applikazzjoni ta' l-artikoli tal-liġi msemmija tissotitwixxi l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti b'waħda ta' tmintax-il xahar priġunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull żmien li l-appellant jirriżulta li ghamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ. Tibqa' invece kkonfermata l-ordni tal-konfiska tal-mus kif ukoll l-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.